# Leħen il-Punent



Diċembru 2023
Nru. 33


HORACE ENTERPRISES LTD.
SPECIAL DISCOUNTS
for Clubs and Nursery
PRINTING OF FOOTBALL KITS
TROPHIES
TRAINING EQUIPMENT
HORACELTD@GMAIL.COM
+356 9942 0346
2169 6302
84, TRIQ IL-GUDJA, GHAXAQ GXQ 2175
HORACE-ENT.COM


A & E
MINTOFF CO. LTD
1982 30 2012
A team with more than 30 years of experience!
OUR SERVICES
TRAVEL
CONSTRUCTION
EXCAVATION
DEMOLITION
TRANSPORTATION


JOSEPHCARUANA®
COMPANY LIMITED

# Leħen il-Punent

ĦARĠA SPEĊJALI TA' KULL SENA
Diċembru 2023 • Nru 33

Rivista maħruġa mill-
**KUNSILL LOKALI L-GĦARB**
Triq il-Viżitazzjoni, l-Għarb GRB1044
Tel: 2156 0556 • Email: gharb.lc@gov.mt
Facebook: Gharb Local Council

• KUNSILL LOKALI GĦARB •

| | |
|---|---|
| Sindku: | David Apap Agius |
| Viċi Sindku: | Louis Apap |
| Kunsilliera: | Tonio Mifsud |
| | Joseph Mizzi |
| | Miriam Borg |
| Segretarju Eżekuttiv: | Emily Amatulli Depasquale |
| Librara/Ass. Principal: | Christina Camenzuli |
| Staff: | Sandro Cauchi |
| | Elizabeth Camilleri |
| | Christian Attard |

Kull korrispondenza għandha tintbgħat
lil-"Leħen il-Punent", Kunsill Lokali l-Għarb



Ritratt tal-Qoxra:

**L-arblu majestuż li ġie installat fi Triq L-Għarb u ir-raħal ta' L-Għarb fl- isfond**

**© Ritratt ta' Daniel Cilia**

• Grazzi lill-isponsors tagħna tal-għajnuna tagħhom matul is-sena.
• Grazzi wkoll imur għall-kontributuri ta' din il-ħarġa.

Issetjat u Stampat:
**InPrintMalta** - Għarb - 7701 6000

## F'din il-Ħarġa

4. Messaġġ mis-Sindku
6. Mill-Pinna tal-Kunsilliera
9. Messaġġ mil-Arċipriet
10. Messaġġi mill-Għaqdiet tal-Lokalita
14. Kulleġġ f'Għawdex - Skola Primarja Għarb
15. Proġetti u inizjattivi -2023
19. Il-Karnival fl-Għarb - Joseph Galea MD FRCS
21. Rokna Saħħa - Il-mard tal- qalb fil-maltin
23. Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali l-Għarb
26. Children's corner
27. Riċetti minn Liża Frendo
28. Mid-Djarju tal-Kunsill
34. L-Esitmi finanzjarji



# *Messaġġ mis-Sindku*

David Apap
david.apap@gov.mt
79492667

Għeżież residenti,

Hekk kif niltaqgħu flimkien biex niċċelebraw dan iż-żmien speċjali tas-sena, jien flimkien ma' marti u wliedi nixtiequ nagħtu l-isbaħ tislijiet u xewqat mill-qalb lilkom u lil qrabatkom kemm dawk li nthom imdawrin bihom kif ukoll lil dawk li jgħixu barra minn xtutna. Fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied u l-ewwel tas-sena kellna l-okkażjoni li ningħaqdu flimkien biex niċċelebraw l-għaqda u l-imħabba.

Huwa l-awguri u x-xewqa tiegħi li kull wieħed u waħda minnha esperjenzajna l-ferħ, l-imħabba, l-paċi li iġib miegħu l-Milied.

F'kull l-aħħar u bidu tas-sena nirrealizzaw kemm kellna sfidi, preokkupazzjonijiet u beżgħat u kultant qtiegħ il-qalb. Pero' huwa ukoll iż-żmien li fih nirrealizzaw kemm konna kapaċi ngħelbu dawn is-sitwazzjonijiet u minnhom noħolqu opportunitajiet u kisbiet għalikom ir-residenti u għal-lokalita' tagħna l-Għarb. Fejn Kunsilli Lokali oħra għadhom jagħmlu proġetti bażiċi aħna qed inkunu dejjem proattivi u produttivi bi proġetti innovattivi. Fil-paġni ta' dan il-librett ser tkunu tistgħu taqraw dak li wettaqna u kemm attivitajiet li ħloqna sabiex l-Għarb jibqa' renomat fl-istorja, l-ħidma volontarja, sbuħija, l-artigjanat u ħafna aktar.

Fil-ġimgħat li ġejjin ser tkompli il-ħidma fuq diversi proġetti b'dawk b'akbar invesitiment huma:

1. Proġett ta' sistema tal-pannelli foltovoltajci, l-akbar sistema li qatt kellu Kunsill Lokali, sistema li ser tipproduċi 114KWH. Dan ifisser aktar investiment li ser jippermettilna inkomplu naħdmu u noħolqu aktar ġid. Il-proġett ser jiswa kważi €500,000. Dan il-proġett huwa finanzjat mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Enerġija taħt skema li l-kunsill kien rebaħ b'suċċess.
2. Proġett ieħor huwa dak tal-pixxina li ilu fuq l-aġenda għal diversi snin. Wara li l-kunsill rebaħ skema oħra li ser tippermetti it-twettiq ta' dan il-proġett. L-investiment fuq dan il-proġett huwa ta' il-fuq minn €200,000 fl-ewwel fażi tiegħu. Din il-pixxina ser tkun aċċessibli għal kulħadd u ser ikunu offruti servizzi ta' tagħlim ta' l-għum, servizzi ta' terapija għal rikupru minn xi operazzjoni u jew terapija għall-anzjani u nies b'diżabilita'. Din ser tkun tista' tintuża wkoll għal-logħob u eżerċizzju.
3. Ser ikompli l-investiment fuq it-toroq kemm dawk rurali kif ukoll dawk residenzjali b'investiment ta' 'il fuq minn €350,000. It-toroq rurali li qed naħdmu fuqhom huma dawk ta' Triq Tal-Blajjet u Daħla Ta' Abdilla filwaqt fuq it-toroq residenzjali ser nibdew ix-xoghol fuq Triq Tumas Cassar u qed isiru l-preparament sabiex wara jibda wkoll ix-xogħol fuq Triq Albert Ketelby.
4. Fil-jiem li ġejjin ser inkunu qed ninawguraw il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku fejn ser inkomplu nikkonċentraw aktar servizz taħt saqaf wieħed sabiex intom ir-residenti tkunu moqdija aħjar filwaqt li l-istess ċentru jservi ta' ċentru reġjonali fuq ix-xaqliba tal-punent ta' Għawdex. Ma' dan ser jkun inawgurat ukoll sistema (app) li wieħed ser ikun jista' jaċċessa aktar servizzi minn fuq il-mobile fil-kumdita' tiegħu.

Dawn huma uħud mill-proġetti li ser ikunu qed inwettqu flimkien ma' oħrajn li qed infittxu finanzjament għalihom u li dwarhom nitkellmu fil-futur qarib.

Nieħu din l-okkażjoni sabiex b'ammirazzjoni kbira nifraħ u nirrikonoxxi t-talenti kulturali, tradizzjonali u snajja artiġjanali fi ħdan il-komunità tagħna. Dawn jixdhu l-ħajja kreattività u vibranti li aħna mdawrin biha. Kull sena l-Kunsill jirrikonoxxi uħud li jispikkaw pero' hemm l-ħafna l-oħra li huma wkoll ferm apprezzati fil-ħidma individwali jew f'gruppi. Ammirazzjoni kbira lejn



dawk kollha li ddedikaw lilhom infushom fil-volontarjat sabiex jippreservaw it-tradizzjonijiet kulturali tagħna, dawk kollha li li jaħdmu għall-festa s-sena kollha, kif ukoll dawk id-dedikati għall- isport, mużika, żfin, snajja artiġjanali jew moderna, arti kulinari u forom oħra ta' espressjoni. Il-kontribuzzjonijiet tagħkom jarrikixxu l-komunità tagħna u jservu bħala sors ta' ispirazzjoni għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin u fuq dan inħeġġiġkom tkunu gwardjani flimkien magħna tal-patrimonju li nappartjenu.

Nemmen li f'dak kollu li nagħmlu nagħmluh għax inħobbu l-lokalita' tagħna. Nemmen li mhux dejjem faċli li naqblu f'kollox, imma dawn is-sitwazzjonjiet isaħħu l-familji tagħna, fl-għaqdiet tagħna u anke fuq livell amministrattiv lokali. Madankollu nemmen li hemm aktar x'jgħaqqadna milli x'jifridna. Nemmen li fil-fond ġewwa ta' kull wieħed minnha, jinsab l-ispirtu ta' paċi, progress, rikonċiljazzjoni u għaqda. Nemmen li f'dak kollu li nagħmlu hemm ix-xewqa għall-affarijiet tajba u espirazzjoni għal futur aħjar, futur xieraq u lokalita' aktar sabiħa u ġeneruża. Dan kollu nistgħu nagħmluh u nħalluh lill-uliedna u lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Hekk kif noqrob lejn it-tmiem tat-terminu leġiżlattiv tagħna, rrid nesprimi l-gratitudni l-aktar profonda tiegħi għall-fiduċja u opportunità li nservi lilkom u lill-komunità tagħna tul l-aħħar 26 sena fil-kariga ta' Sindku. Unur li ħdimt flimkien ma' kollegi Viċi Sindku u kunsilliera dedikati u biex nirrappreżentaw l-interessi tagħkom ilkoll. Kburin bil-progress li għamilna flimkien u l-impatt pożittiv li kellna fuq il-lokalità tagħna.

L-aħħar tal-leġislatura iġġib magħha ukoll elezzjoni sabiex ikunu elett Kunsill ġdid. Inħeġġeġ individwi li jħobbu l-lokalita' sabiex jersqu l-quddiem u jimpenjaw ruħhom fil-qadi għal-lokalita'. Il-funzjoni u r-responsabiltà politika jikkostitwixxu sfida permanenti għal dawk kollha li jirċievu l-mandat li jaqdu fil-lokalita', biex jipproteġu lil dawk li jgħixu fiha u biex jaħdmu ħalli joħolqu l-kundizzjonijiet għal ġejjieni denn u ġust. Hekk dejjem emmint fit-twettieq tar-rispett fundamentali tal-ħajja, tal-libertà, tad-dinjità tal-persuni u li nkun ta' servizz għall-komunita' u residenti kollha.





Umli bl-appoġġ u l-fiduċja li poġġejtu fija tul dawn is-snin kollha, u jien ser nibqa impenjat li nkompli naħdem bla heda fl-interess ta' kull wieħed u waħda minnkom, għat-titjib tal-komunità u l-lokalita' tagħna. Fil-ħajja, mhux kollox huwa faċli pero' b'impenn u sagrifiċċju ngħelbu l-isfidi kollha. Nemmen fikom bis-sħiħ, nemmen li flimkien magħkom nistgħu nkomplu noħolqu u nġibu l-Għarb l-ewwel u qabel kollox.

Nibqa' ngħożż il-privileġġ li nservi bħala rappreżentant tagħkom u disponibbli li nkompli naħdem flimkien ma' dawk eletti sabiex nibqgħu ngħollu isem l-Għarb u akkumpanjatur f'ħajjitkom kemm fit-tajjeb u ta' tbatija.

Nibqa' preżenti magħkom il-morda fid-dar jew fl-isptarijiet, dawk li tul l-aħħar sena soffrew xi telfa' fil-familja, lil dawk li esperjenzaw xi tip ta' firda jew diżgwid, lil dawk li qed ibgħatu xi forma ta' vjolenza fiżika jew mentali u lil dawk li qed jgħixu xi forma jew sitwazzjoni ta' faqar. Ninkoraġġikom tfixxu l-għajnuna, toqgħodux lura u nitlobkom tersqu 'il quddiem. Ftakru li kulħadd għandu xi saram, kulħadd jista' jkun għaddej minn xi sitwazzjoni, nitlobkom tersqu 'il quddiem sabiex nipprovdilkom l-għajnuna. Il-qawl jgħid 'meta tisma' s-saram ta' l-oħrajn tinduna kemm Alla ma ħallikx waħdek'.

Insellem ukoll lill-familji emigranti li jinsabu f'artijiet 'il bogħod u li x-xewqa tagħhom li jkunu magħna f'dak kollu li niċċelebraw.

Fl-aħħar nett, ħalluni nispiċċa kif bdejt, billi nawgura lir-residenti kollha tal-lokalita' sabiħa tagħna Sena Ġdida mimlija paċi, saħħa, hena u kuntentizza. F'isem il-familja tiegħi u l-Kunsill Lokali l-Għarb.



# Mill-Pinna tal-Kunsilliera

## VIĊI SINDKU



## Louis Apap

Għeżież residenti,

Reġa wasal iż-żmien li tiġi ppublikata r-revista 'Leħen il-Punent'. Kif nagħmlu dejjem is-Sindku u aħna l-Kunsilliera nwasslulkom il-messaġġi tagħna permezz ta' din ir-revista.

Tletin sena ilu ġew introdotti fil-gżejjer Maltin il-Kunsilli Lokali. Kienet wegħda fil-manifest elettorali tal-partit nazzjonalista li dakinhar kien fil-gvern li twettqet. Bħal kull ħaġa oħra l-bidu kien diffiċli imma maż-żmien bdew iħallu l-frott mixtieq. Illum it-tmienja u sittin kunsill kollha (li erbatax minnhom huma f'Għawdex) saru jissejħu gvern lokali.

Il-Kunsill tagħna hu meqjus bħala wieħed mill-aktar attiv. Kunsill li għamel ħafna u għadu jagħmel. Grazzi għall-ħidma ma taqta xejn tas-Sindku ġibna miljun ewro mill-Ministeru għal Għawdex għat-toroq. Wara li għadna kif għamilna Triq l-Isqof Molina ser naqbdu Triq Tumas Cassar. Forsi hemm min jaħseb li din it-triq messa ilha li saret imma ma stajniex nagħmluha qabel peress li kien għadu qed isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq djar ġodda.

Rigward attivitajiet tista tgħid li nagħmlu attivita' kull xahar. Bla dubju l-ikbar attivita' hija l-Kite and Wind Festival li ġibed lejn ir-raħal tagħna għadd kbir ta' nies minn kullimkien tal-gżejjer Maltin u anke' turisti. Kull min daħal fejn San Dimitri setgħa jitpaxxa bil-kuluri tat-tjur varji ta' kull daqs u għamla li sebbħu s-sema. Din l-attivita' nagħmluha fil-festa ta' San Dimitri u grazzi għall-ħidma kbira taż-żgħażagħ ta' raħalna li biegħu ikel u xorb tħalli introjtu finanzjarju tajjeb. Dan id-dħul finazjarju imur b'risq il-festa prinċipali ta' raħalna l-festa tal-Viżitazzjoni.

Il-Kunsill għadu kif organizza ġita għal Budapest ġewwa l-Ungerija. Konna b'kollox tmenin ruħ u kull min ġie ħa pjaċir għax setgħa igawdi s-sbuħija ta' din il-belt. Il-Kunsill għadu kif qassam ukoll muturi elettriċi lil diversi żgħażagħ. Għal żmien il-Milied introduċejna l-Christmas market b'diversi bankrelli li jbiegħu ħelu, ikel u xorb. It-tfal setgħu jieħdu ritratti ma' father u mother Christmas. Kien hemm ukoll Ice rink għal min ried jesperjenzah. Għadu kif tlesta s-sular ta' fuq il-bini tal-Kunsill Lokali li ser iservi ta' ċentru ċiviku. Dan ser jintuża mill-għaqdiet tar-raħal u NGO's oħra għawdxin.

Insellem lil ħaddiema kollha tal-Kunsill li jagħmlu ħafna xogħol bħal bankini, bini ta' ħitan tas-sejjieħ u jieħdu ħsieb kull xorta ta' xogħolijiet żgħar u anke' tal-bulky refuse. Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi ukoll għall-ħidma tal-ħaddiema amministrattivi tal-kunsill b'mod speċjali lis-segretarju eżekuttiv Emily Amatulli Depasquale mgħejjuna mill-assistenta tagħha Christina Camenzuli u l-iskrivani Christian Attard, Elizabeth Camilleri u l-ħaddiema l-oħra.

Fl-aħħar imma mhux l-inqas nixtieq insellem lilkom kollha residenti tal-Għarb. Ma rridx ninsa lill-morda tar-raħal tagħna u dawk li jduru bihom. Komplu ikkoperaw magħna, komplu kellmuna u għaddulna s-suġġerimenti tagħkom biex ilkoll flimkien inkomplu naħdmu b'risq ir-raħal għażiż tagħna l-Għarb. Nixtiqilkom minn qalbi s-sena t-tajba lilkom u lil għeżież tagħkom. Tislijiet lil kullħadd. Għadduni tagħkom u magħkom għal Għarb aħjar.

## KUNSILLIER



## Tonio Mifsud

Għeżież residenti ,

Għaddiet sena oħra u għal darb'oħra reġa għandi din l-opportunita' li nerġa nwassal il- messaġġ tiegħi lilkom , f'dan iż-żmien sabiħ tal-Milied u l-Bidu ta' sena Ġdida.

Dan huwa żmien li jgħaqqadna bħala komunita' li lkoll flimkien niċċelebrawh b'imħabba. Minkejja li għal ħafna, dan huwa żmien sabiħ, għal ħafna oħrajn dan jaf ma jkunx il-każ, għalhekk ħsibijieti jmorru mill-ewwel lejn dawk illi f'dan il-perjodu jinsabu għaddejjin minn żminijiet inqas feliċi, b'mod speċjali dawk rikoverati fl-isptarijiet tagħna jew għaddejjin minn taħt xi kura, kif ukoll dawk li jkunu għaddejjin minn solitudini fis-skiet ta' djarhom . L-appell tiegħi lejn kull wieħed u waħda minnha huwa li lkoll irridu niftakru fl-għeżież tagħna u

f'xulxin bħala komunita' b'valuri b'saħħithom li nħaddnu u nkunu ta' sostenn.

Ma nistgħux ninsew ukoll lil dawk li ħallewna, li ħadmu qatigħ għar-raħal tant sabiħ tagħna. Għaliex qed nsemmi dan? Għax il-valuri, il- kultura u l-karatteristiċi li writna minn missirijietna huwa kollu frott ta' kemm ħadmu u stinkaw sabiex dan huwa r-raħal tagħna llum. Għalhekk mgħobbijin bir-responsabilita' sabiex inkomplu inħaddnu u ngħożżu dan u huwa sta għal kull wieħed u waħda minna sabiex nibqgħu naħdmu flimkien u bl-ideat ta' kulħadd inkomplu mmexxu l-quddiem ir-raħal tagħna. Grazzi għalikom flimkien inkomplu nħabbtu l-ideat u nressqu l-quddiem innovazzjonijiet ġodda, sabiex raħalna jaddatta maż-żminijiet tal-lum filwaqt li bla dubju ta' xejn inkomplu nżommu t-tradizzjonijiet tiegħu.

Waħda mit-tradizzjonijiet prestiġjuża li għandna nagħtuha attenzjoni kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell nazzjonali żgur li hija l-logħba tal-brilli, li għadha tintlab biss ġewwa l-Għarb. Grazzi lil dawk il-persuni li ta' kull nhar ta' Ħadd jiltaqgħu flimkien jilgħabu din il- logħba bejniethom u b'hekk qed iżommu din it-tradizzjoni ħajja. L-attiviżmu, il-parteċipazzjoni u l-entużjażmu tagħkom ikompli isaħħaħna sabiex inkomplu naħdmu għal ġid komuni ta' raħalna, jimlieni b'kuraġġ konsistenti għal ġejjieni. Grazzi kbira tmur għal numru kbir ta' voluntiera li jaħdmu matul is-sena kollha u ta' dan irrid nirringrazzja minn qiegħ Qalbi lil dawk kollha li jagħtu ħinhom, il-bogħod mill-familja u l-impenji tagħhom għas-sehem tagħhom fl-attivitajiet li jsiru, l-avvenimenti l-kbar u b'mod speċjali l-festa tal-Viżitazzjoni, ż-żjara ta' Marija lil Sant' Eliżabetta li niċċelebraw fl-ewwel Ħadd ta' Lulju. Din il-ġrajja tal-Viżitazzjoni għandha sinifikat kbir fil-ħajja tagħna li ngħixu ta' kuljum u tgħallimna sabiex inkunu iżjed t'għajnuna u nirrispettaw lil xulxin.

Kellna festa mimlija attivitajiet u ċelebrazzjonijiet Solenni fil-Knisja tant għażiża tagħna kif ukoll iċ-ċelebrazzjonijiet esterni, għandna wkoll napprezzaw lil Għaqda Mużikali Viżitazzjoni tas-sehem li tagħti u li din is-sena jaħbat l-20 anniversarju mit-twaqqif tagħha . Irrid insemmi lill-Għaqda tan-Nar 31 ta' Mejju u nħeġġeġ sabiex ngħinuhom milli nistgħu f'din l-iskema ta' ġbir ta' fondi sabiex ikopru l-ispiża tagħhom għax-xiri tan-nar u l-ġiġġifogu tas-sena d-dieħla ħalli b'hekk ikollna festa kompluta u msebbħa kif jixraq.

Tifħir u apprezzament lill-kumitat festi Esterni li dejjem jaħdem, jistinka u jorganizza matul is-sena kollha, fil-parroċċa tagħna. Grazzi kbira lill-Arċipriet il-Kleru tal-ħidma tagħhom f'din il-komunita', l-kollaborazzjoni ta' bejnietna hija strumentali.

Avveniment ieħor bla dubju huwa l-International Kite and Wind Festival li kien ta' suċċess enormi u kien ta' attrazzjoni għal ħafna nies, wieħed irid jgħid illi llum dan laħaq livell għoli u huwa attivita' mportanti fil-kalendarju kulturali nazzjonali, kienet idea tajba ħafna u li aħna komplejna insaħħuha, li l-bidu tiegħu kien sitt snin ilu mill-Kunsill preċidenti. Kull attivita' li ssir, warajha jkun hemm ħafna xogħol u preparamenti b'kollaborazzjoni kollettiva mal-għaqdiet u l-voluntiera li b'impenn intensiv jaħdmu minn qalbhom għal kull meta r-raħal isejħilhom u jitlobhom l-għajnuna. Din is-sena fid-29 t'Awwissu li hija d-data mportanti għalina kif ukoll Jum l-Għarb, fakkarna l-144 Anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa minn meta l-Isqof Mikiel Molina waqqaf it-tieni parroċċa f'Għawdex. F'Jum l-Għarb li din is-sena, li ġie ċċelebrat jiem wara, bħal kull sena l-Kunsill irrikonoxxa lil diversi persuni li għamlu ġieħ lir-raħalna f'oqsma diversi kif ukoll rikonoxximent kulturali u lil dawn nifirħulhom. Napprezza mmens u nirrikonoxxi lil kull persuna f'din il-komunita, għax kollha għandkom abilitajiet imsebbħin u mogħnija.

Il-Kunsill matul is-sena ħadem bis-sħiħ f'xogħlijiet varji kemm fl-infrastruttura, kemm fil-manutenzjoni u ż-żamma nadifa fir-raħal tagħna, iżda għad fadlilna x' jitwettaq, fost l-oħrajn proġetti tat-Triq Tumas Cassar. Fiż-żmien li ġej ser jiġu inawgurati diversi proġetti li bħalissa għaddej ix-xogħolijiet fuqhom. Grazzi Kbira lill-ħaddiema tal-Kunsill kollha li jagħmlu xogħol tant importanti fit-twettiq tal-ħidma tagħhom kif ukoll lill-kollegi tiegħi.

Dan huwa l-aħħar messaġġ li qed nikteb f'din il-leġislatura. Nistqarr magħkom illi f'mumenti bħal dawn nħossni emozzjonat mhux ftit. Nħossni onorat tal-fiduċja tagħkom. Inthom il-mutur u l-enerġija li żżommuni għaddej, li nisma u nkun viċin tagħkom huwa dak li dejjem attwajt b'sinċerita' u onesta' matul kull leġislatura. Dan huwa dak li rrid nibqa nagħmel għaż-żmien li ġej jekk dejjem terġgħu ttuni l-fiduċja tagħkom li żgur nagħmel ħilti kollha sabiex insarrafha f'servizz lejkom.

Minn Qalbi, f'ismi u f'isem il-familja, nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom is-Sena t-Tajba.



## KUNSILLIER Joseph Mizzi

Għeżież residenti u ħbieb,

Is-sena 2023 waslet fi tmiemha u għaddiet sena oħra ta' ħidma mill-Kunsill Lokali. Għaddejna sena impenjattiva u mimlija attivitajiet, iżda fuq kollox, dejjem żammejna f'moħħna l-bżonnijiet tal-familji. Jien dejjem rajt li nressaq il-mistoqsijiet li twasluli sabiex ikunu diskussi fil-laqgħat u naraw li ntejbu s-sitwazzjoni tar-residenti fuq livell lokali. Dan huwa l-aħħar messaġġ tiegħi f'din il-leġiżlatura. Erba' snin għaddew bħal ħolma,

iżda f'dan iż-żmien dejjem bqajt inħares lejn l-interess tar-residenti l-ewwel, għax in-nies huma l-ħajja tar-raħal. Kif tafu, żammejt kuntatt magħkom regolari bi żjarat u anke permezz tal-Facebook, fejn ridt inżommkom aġġornati b'ritratti u informazzjoni dwar dak li jkun għaddej fir-raħal. Tul l-2023 kellna kalendarju mimli avvenimenti li jolqtu lir-residenti ta' kull età u sar xogħol ta' tisbiħ. Dan deher mill-entużjażmu, mill-attendenzi u l-kummenti li tgħaddulna, li jħeġġuna nkomplu nwettqu iżjed ħidma u ninvestu fi proġetti għall-ġid tar-residenti u l-familji kollha. Jekk niftakru f'dak li sar tul din is-sena, tistgħu tinnutaw li l-Kunsill irnexxielu jakkwista fondi minn entitajiet diversi u rajna kif inwettqu proġetti tajbin u skont il-ħtieġa tar-residenti. Fost l-oħrajn, saret Triq l-Isqof Molina b'servizzi ġodda u wiċċ ġdid bit-tarmak, infetħet klinika ġdida b'servizzi tas-saħħa provduti ta' kuljum għar-residenti u sar *open-air gym* ħdejn il-bandli.

Nixtieq nirringrazzja lil kull min kien ta' sapport għalija tul dis-sena u kull darba li niltaqa' magħkom. Nirringrazzjakom li għandkom ir-raħal tal-Għarb f'qalbkom għax l-ilmenti li twaslulna jfissru li lkoll tħobbu r-raħal biex ikun isbaħ u aħjar.

Nixtieq nirringrazzja lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill u anke l-Parroċċa u l-membri kollha tal-għaqdiet li għandna fir-raħal għax dejjem sibnihom ta' spalla f'kull attività li ssir u determinati li nibqgħu insostnuhom. Permezz ta' din il-koperazzjoni bejn in-nies, toħroġ verament l-għaqda li għandna fir-raħal. Nieħu gost meta nisma' viżitaturi jfaħħru r-raħal tagħna. Biss jekk irridu li isem l-Għarb jibqa' jingħata tifħir, irridu nibżgħu għalih u nibqgħu naħdmu għal dan il-għan bi proġetti amabizzjużi li jibqgħu jitgawdew anke minn ta' warajna. Fid-dekasteru tal-indafa li kelli f'din il-leġiżlatura, stinkajt biex kemm jista' jkun, tinżamm l-indafa kullimkien. Bi pjaċir inħabbar li l-Kunsill Lokali xtara numru ta' *dog litter bins* li se jitwaħħlu f'żoni differenti madwar ir-raħal biex jintużaw b'mod għaqli. F'dawn l-aħħar xhur ta' din il-leġiżlatura, fl-2024, se jkomplu jitwettqu iżjed proġetti, bħall-pannelli ħdejn il-grawnd tal-futbol, tisbiħ taż-żona tal-*playing-field*, inawgurazzjoni tal-Meeting Hub, Triq Tumas Cassar b'servizzi ġodda, tibda titħaddem App tal-Kunsill Lokali u *parking sensors* fiż-żona tal-pjazza, minbarra attivitajiet għat-tfal u ħarġiet għall-familji kif isiru kull sena.

Aħna persważi li nibqgħu ntejbu s-servizzi fir-raħal. Żgur li se ssibu l-appoġġ tiegħi u tal-Kunsill fejn ikun hemm bżonn. Is-servizzi offruti mill-Kunsill jolqtu lil kulħadd u jien konvint li nibqa' qrib tagħkom. Nittama li nibqgħu raħal magħqud u nikkoperaw ma' xulxin.

Permezz ta' dan il-messaġġ inwaslilkom l-awguri tiegħi għas-sena ġdida mimlija ferħ u saħħa. Insellmilkom.



## KUNSILLIERA Miriam Borg

Għeżież residenti,

Waslet fi tmiemha sena oħra u nixtieq nieħu din l-opportunità biex messaġġ qasir ta' l-okkażjoni.

Matul iż-żmien tal-Milied il-Kunsill ikun impenjat b'ħafna preparamenti. Il-pjazza din is-sena ħadet forma sabiħa ħafna, siġra mimlija tajjeb u dwal mill-isbaħ. Ir-raħal kollu kellu libsa ġdida bi dwal ġodda. Għas-sena d-dieħla nkomplu inżidu sabiex kull rokna tkun imżejna għall-okkażjoni. Minn qalbi nirringrazzja u ngħid prosit lill-voluntiera kollha li huma pilastru importanti fil-lokalita. Grazzi lill-amministratturi tal-għaqdiet tar-raħal talli jappoġġjaw ħafna attivitajiet li jsiru mill-Kunsill. Fejn hemm l-għaqda u r-rispett hemm is-saħħa.

Matul is-snin li għaddew esperjenzajt ħames snin interessanti ħafna ma' sħabi l-kunsilliera fil-kunsill. Ħdimt qrib u magħkom, mas-sindku ħabriki u kunsilliera sħabi. Ħdimna bla heda biex l-Għarb jibqa joffri l-konfort u trankwillita, ambjent nadif u sabiħ, imma fuq kollox rajna li tirrenja l-għaqda u l-ħbiberija.

Ta' kull xahar jien, flimkien ma' sħabi kunsilliera flimkien mas-Sindku żammejna l-appuntament u ltqajna u ddiskutejna s-suġġerimenti tagħkom u materji oħra. Il-Kunsill tagħna huwa Kunsill mimli entużjażmu u ideat ġodda biex inkunu dejjem minn quddiem. Minkejja li l-lokalita tagħna hija żgħira, pero għandha storja kbira u kull ma jmur qed inkomplu niktbu paġni ġodda f'din l-istorja għal ta' warajna bla waqfin. Nieħu din l-okkażjoni biex minn qalbi nirringrazzja lis-Sindku tagħna talli dejjem jismagħna u jgħina nirrealizzaw l-proposti li noħolmu, nagħmluhom tagħna lkoll u niżviluppawhom aktar interessanti.

Żmien il-Milied huwa żmien sabiħ u ma ninsewx il-morda u l-anzjani kemm dawk li jkunu d-dar kif ukoll dawk li jkunu l-isptarijiet, lill-emigranti tar-raħal li dejjem isegwu dak kollu li jiġri ġewwa r-raħal. Ma ninsewx lill-qraba ta' dawk li ħallewna matul din is-sena. Minn qalbi f'isem il-familja tiegħi nawguralkom sena ġdida mimlija ġid u paċi.



## MILL-ARĊIPRIET

# Arċ. Trevor Sultana

L-ewwel jum ta' sena ġdida huwa ddedikat lill-paċi...paċi bejnietna, paċi f'qalbna, paċi bejn in-nazzjonijiet, paċi fil-familji tagħna. L-istess anġli fit-twelid ta' Ġesù kantaw: "paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba!". Appuntu, paċi iva imma jekk hemm rieda tajba. Din hija l-problema... forsi qed tonqosna r-rieda tajba.

Dan qed narawh jiġri fuq livell internazzjonali, b'mod speċifiku fiż-żewġ gwerer li faqqgħu dan l-aħħar, dik ta' bejn ir-Russja u l-Ukraina u l-oħra, iktar riċenti, fl-art li fiha twieled Ġesù, bejn Iżrael u l-grupp terroristiku Hamas, preċiżament fl-istrixxa ta' Gaża, territorju Palestinjan. Jekk ikollna nfittxu l-kawża oriġinarja ta' dawn il-kunflitti ma nsibu xejn ħlief in-nuqqas ta' rieda tajba – rieda tajba li wieħed jiddjaloga, rieda tajba li ma tużax vjolenza, rieda tajba li tipproteġi lil kull pajjiż biċ-ċittadini tiegħu, rieda tajba li tikkalma s-sitwazzjonijet jaħarqu, rieda tajba li tistma b'dinjità anke lill-avversarju tiegħek. Dawn il-forom kollha ta' rieda tajba qed jonqsu u sakemm tibqa' nieqsa, dawn il-kunflitti ser jibqgħu għaddejjin.

Dan narawh jiġri wkoll fiċ-ċokon tal-komunitajiet u tal-familji tagħna. Meta tonqos ir-rieda tajba diffiċli li ngawdu r-rigal tal-paċi. Rieda tajba li nagħmel dak li hemm bżonn u mhux dak li jaqbilli, rieda tajba li ma nġibx firda bi kliemi u b'għemili, rieda tajba li nipproteġu lil xulxin, l-aktar dawk vulnerabbli, rieda tajba li nilqa' lil min jgħix jew jaħsibha differenti minni, rieda tajba li ngħin lil min żbalja biex jerġa' jsib it-triq it-tajba, rieda tajba li nħares l-ambjent ta' madwari, rieda tajba li nkun ta' eżempju tajjeb għat-tfal u ż-żgħażagħ. Dawn il-forom ta' rieda tajba jgħinuna ngħixu fil-paċi, anke fiċ-ċokon tal-familji u l-komunitajiet tagħna.

Il-Konċilju Vatikan II, fil-*Gaudium et Spes* għamel affermazzjoni importanti ħafna: il-paċi mhijiex biss in-nuqqas ta' gwerra imma hija frott il-ġustizzja u l-imħabba bejn il-bnedmin. Jista' ma jkollokx gwerra imma xorta hemm l-inġustizzja u l-bnedmin ma jkunux jgħixu fil-paċi. Jista' ma jkollokx gwerra imma kulħadd ikun jgħix fil-biża' minħabba tmexxija dittatorjali. Jista' ma jkollokx gwerra imma n-nies ikunu mifrudin bejniethom minħabba raġunijiet ta' razza, twemmin, provenjenza, kulur tal-ġilda, u oħrajn. Appuntu, għax il-paċi mhix sempliċiment nuqqas ta' gwerra. Jeħtieġ li jkun hemm ħafna rieda tajba li ġġib il-ġustizzja u l-imħabba bejn il-bnedmin.

Għalhekk meta fil-bidu ta' sena ġdida nawguraw lil xulxin paċi u ġid, aħna nkunu qed nawguraw lil xulxin li jkollna ftit iktar rieda tajba, għax hekk biss il-paċi bejnietna tista' tikber. Minn qalbi nawgura s-sena t-tajba lil kulħadd!





# *Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalità*

**Il-Kunsill ta' kull sena jistieden lill-Għaqdiet Lokali sabiex permess ta' 'Leħen il-Punent' jibgħatu l-messaġġ tagħhom lir-residenti tal-lokalita'. Hawn taħt qed jiġu ppublikati l-messaġġi li l-Kunsill irċieva mingħand l-għaqdiet.**

## *Għaqda Mużikali Viżitazzjoni*

**Adrian Formosa** – Segretarju

### 20 SENA BANDA

Għeżież qarrejja tal-fuljett Leħen il-Punent,

20 sena ilu kienet sena attiva ħafna f'raħalna. Kienu twaqqfu żewġ entitajiet importanti ħafna; l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni u r-Radju tal-Parroċċa li jġib l-istess isem. Jien kelli ix-xorti li nagħti sehmi fit-tnejn li huma. Din is-sena għalaqt 20 sena bandist u għaxra bħala Segretarju tal-Għaqda Viżitazzjoni. 20 sena ilu kont għadni daqsxejn ta' tifel imma xħin inħares lura nammira lil dawk li dakinhar kienu jħobbu tant lil raħalna li għamlu sagrifiċċji kbar biex għamlu dak li għamlu.

Naħseb li għandna napprezzaw lil min iħobb lil raħalna. Għandna nirrispettaw lil kull min ta sehmu (żgħir jew inkella kbir) għal dan ir-raħal li għalkemm hu miċ-ċkejknin dejjem kien iħabbatha ma' oħrajn ikbar minnu. Xi ftit tal-jiem ilu kont qed nisma' konferenza organizzata mill-parroċċa dwar it-twaqqif tal-Kolleġġjata li fl-2024 ser tkun qed tagħlaq 250 sena mit-twaqqif uffiċjali tagħha. Bqajt mistagħġeb kemm raħalna dejjem kellu nies li jħobbuh. Xi ħaġa oħra li nnutajt hi li raħalna dejjem kellu nies lesti li jinsew id-differenzi tagħhom biex jingħaqdu għal għan wieħed; dak li jagħtu ġieħ lil dan ir-raħal glorjuż tagħna.

Imma xħin inħares lura, wara qatt ma ninsa nħares 'il quddiem. Ngħid, lilna ta' warajna x'ħa jgħidu għalina? Dan il-ħsieb iġagħlni nkompli bil-ħidma tiegħi b'risq raħalna u nagħmel kuraġġ inħeġġeġ lil ħaddieħor.

Din is-sena erġajna bdejna nlaqqgħu l-Kummissjoni Banda fi ħdan l-għaqda tagħna. Din hi importanti ħafna għall-organizzazzjoni ta dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi tal-banda. Madanakollu wieħed mill-ikbar skopijiet tagħha hu li dderri lit-tfal bandisti fl-ambjent organizzat li jtihom sens ta' appartenenza, dixxiplina u responsanbiltà. Jekk il-bambin irid din il-kummissjoni ser tkun qed tgħin ħafna u l-kumitat ser ikun jista' jiffoka iktar fuq xogħlu.

Bħal snin oħra tajna diversi servizzi matul is-sena. Daqqejna f'diversi okkażjonijiet fosthom barra mir-raħal. Il-qofol ta' kollox dejjem ikun il-festa tagħna. Il-festa li għaddiet kienet sfida għalina mhux biss għax kellna rekord ta' servizzi f'gimgħa waħda imma għaliex kien hemm tliet festi qed jaħbtu flimkien. Talinqas is-sena id-dieħla jidher li l-festa ħa taħbat aħjar.

Qed infasslu ukoll titjib fis-sistema tat-tagħlim tagħna. Dan qed nagħmluh biex nassiguraw li nagħtu ċans ikbar li l-banda tagħna tibqa' għaddejja għal iktar snin fil-futur.

Ma nixtieqx intawwal ħafna. Xtaqt li bħas-soltu nagħmel elenku ta' x'għamilna matul l-aħħar tnax -il xahar imma ktibt bizzejjed. Għalhekk, ser naqbeż biex nirringrazzja lill-bandisti u lill-alljievi kollha. Dawn huma nies li vera jħobbu lil raħalna u għadhom jagħtu sehemhom għal raħalna minkejja ħafna diffikultajiet. Inrodd ħajr ukoll lill-President tal-għaqda tagħna flimkien mal-kumitat, is-surmast u l-assistent surmast. Grazzi kbira tmur għall-benafatturi u lil dawk li matul din l-aħħar sena u fil-passat taw daqqa t'id lill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni. Is-sena t-tajba.

## *Għaqda tan-nar 31 ta' Mejju AD2013*



Is-sena elfejn u tlieta u għoxrin waslet fi tmiema, meta qed jinkiteb dan il-messaġġ, minna l-għaqda tan-nar. Nistgħu ngħidu b'wiċċ il-ġid ukoll, għalkemm kollox fih it-tlugħ u l-inżul tiegħu.

Nar għall-festa li għaddiet ma ħdimnix għax ma għandniex fejn u dan irriflettа sew fuq in-nar tal-festa. Is-sena ser nerġgħu ngħaddu mill-istess xorti u biex is-sena tkun aħjar mis-sena l-oħra fejn jidħol in-nar, erġajna nedejna dik l-iskema li konna preċiżament għamilna s-sena l-oħra bid-differenza li s-sena n-nar ordnajnieh diġa, biex ma mmorrux nordnaw wara u nsibu l-bibien magħluqa għax jkun tard. Dan iffisser fiduċja fikom in- nies tal-Għarb, benefatturi u dawk li jħobbu l-festa, għax għalkemm ma nafux x'somma ser niġbru xorta waħda ordnajna u biex nserrħu ras kulħadd meddejna saqajna skont il-friex. (Araw in- notice board li hemm mal-maħżen fejn iċ-ċentru parrokjali). Dan kollu fid-dawl li l-festa li ġejja ser nfakkru anniversarju mportanti, dak ta' 250 sena kolleġġjata.

Barra minn hekk fir-raħal tagħna kellna żewġ avvenimenti li jgħaqduna u li l-għaqda tan-nar kellha xi nvolviment b'xi mod. Kellna l-ordinazzjoni tas-saċerdot Matthew Bajada li fraħna miegħu u kif għedna drabi oħra, xtaqna li sellemnielu aħjar iżda ma stajniex u hu peress li kien dejjem jiffrekwenta l-parametri tagħna fehemna. L-avveniment l-ieħor kien it- tieġ bejn Joseph Cauchi u Jahel Brooke. Din il-koppja attiva ħafna fil- kumitat esterni tal-festa u ma stajniex bħala għaqda tan-nar li wara kollox nagħmlu parti mill-kumitat tal-festa ukoll ma nifirħux ma' din il- koppja. Jahel hija ukoll bint il-kaxxier tagħna.

La darba s-sena waslet biex tintemm, nixtiequ nirringrazzjaw lill-Arċipriet Trevor Sultana li fuq is-suġġett tan-nar fil-festa fehem u jipprova jgħin bil-pariri tiegħu kif jista'. Lis-Sindku David Apap li qiegħdin insibuh ta' għajnuna kbira fejn tidħol loġistika, kemm fil-festa titulari u anke fil-festa ta' San Dimitri u l-kumplament tal-Kunsill li mingħajr il-kollaborazzjoni ta' kulħadd qatt ma konna naslu sa fejn wasalna. Flimkien nistgħu nagħmlu affarijiet kbar.

Filwaqt li nsellmulkom nixtieqilkom ħafna Saħħiet u r-Risq.

## *Għarb Rangers F.C.*

**Joe F Cauchi - President**

Għeżież Qarrejja,

Reġa wasal iż-żmien li ngħaddu l-ħsibijiet tagħna f'Leħen il-Punent li issa sar sinonimu ta' kull sena fir-raħal tagħna.

Ma nistgħux ngħidu li l-club tal-Għarb Rangers FC għaddej mill-aqwa żminijiet tiegħu fejn jidħlu riżultati kompetittivi fejn l-isfidi prinċipali jkunu dawk finanzjarji u nuqqas ta' riżorsi ta' nies. Minkejja kollox il-kumitat baqa dejjem jaħdem biex kemm jista jkun il-club tagħna jibqa jimxi l-quddiem f'kull aspett tiegħu. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja mill-qalb lil dawk il-ftit nies li kienu u għadhom jaħdmu fil-club kemm fil-mumenti glorjużi u kemm f'dawk il-mumenti mhux daqshekk tajbin u għalhekk dawn huma n-nies indispensabbli biex il-club jibqa għaddej b'ħidmitu.

Fuq nota aktar pożittiva f'dan l-istaġun erġajna introduċejna aktar players żgħażagħ mill-Għarb fl-iskwadra ewlenija u naturalment dan hu ta' sodisfazzjon kbir għalina u anke awgurju tajjeb għall-futur.

Bħal dejjem nappellaw għal kull għajnuna li b'xi mod wieħed jista jagħti u nirringrazzjaw lil kull min b'xi mod jew ieħor kien jew qed ikun ta' sosten għall-club ta' l-Għarb Rangers.

F'isem il-kumitat kollu nixtiequ lill-komunita kollha sena ġdida mimlija risq u hena.

## *Leġjun ta' Marija*



Din is-sena wkoll il-Leġjun ta' Marija fl-Għarb qed iwassal il-messaġġ tiegħu f'dawn il-jiem tal-Milied.

Dawn il-jiem huma jiem ta' paċi u sliem. Jien li fihom infakkru l-miġja ta' l-iben t'Alla li għoġbu jsir Bniedem bħalna fl-għar ta' Betlehem.

Veru li dawn il-jiem għandhom ikunu jiem ta' paċi u jiem ta' ferħ. Iżda ma nistgħux ma inġibux quddiem għajnejna l-inkwiet kbir li għaddejja minnu l-art fejn twieled il-Prinċep tal-Paċi. Għalhekk xieraq li nitolbu biex l-Iben t'Alla li ġie fid-dinja bħalu tarbija jiftaħ għajnejn il-mexxejja ta' art twelidu biex isir ftehim u paċi.

Nitoblu ukoll biex jieqfu l-gwerer li hemm f'diversi pajjiżi oħra, forsi xi darba,' l-ebda ġens ma jerfa x-xabla kontra ġens ieħor, u s-sengħa tal-Gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed'.

## *Assoċjazzjoni Maltija Espressjoni Arti - Għarb*

**Marica Farrugia** – Segretarja

Waslet biex tiġi fi tmiemha sena oħra. Kull wieħed u waħda minnha jgħaddi minn esperjenzi differenti, kemm personali, mal-ħbieb, mal-familja u fil-komunita'. Kull esperjenza tgħina nżidu l-memorji sbieħ flimkien u tħejjijna biex nibdew sena ġdida.

L-esperjenzi tagħna bħala assoċċjazzjoni ma kinux ftit. Forsi għaliex wara l-pandemija kulħadd kien imxennaq għal-proġetti. Fl-2022 saru xi proġetti u attivitajiet imma kulħadd kien għadu ftit kawt u attent minħabba l-effett tal-pandemija. Fl-2023 il-gruppi kollha internazzjonali ppruvaw jippjanaw bil-kbir u aħna bħala rappreżentanti ta' Malta ma bqajniex lura. Għalkemm huwa dejjem ta' unur għalina li nirrappreżentaw lil raħalna u pajjiżna barra minn Malta, l-attivitajiet li jsiru lokalment huma ferm importanti għalina, speċjalment għaliex ġewwa Għawdex u Malta jkun iktar possibli li l-membri kollha jaħdmu flimkien u kulħadd ikun parti minn dan li jkun qed isir. Għalkemm pajjiż żgħir, aħna bħala Assoċċjazzjoni Maltija dejjem inkunu nvoluti fil-proġetti nternazzjonali. Għalkemm mhux dejjem ikun possibli li nkunu preżenti fiżikament, pero xorta nkunu tajna sehemna fl-ippjanar peress li żewġ membri huma parti mill-Kumitat Internazzjonali Ġenerali u Kumitat Internazzjonali Proġetti. Bħal snin ta' qabel, lokalment reġgħet saret l-Infjorata tal-Festa, tapit tal-melħ ta' Ħadd il-Palm u tapit tal-Melħ fuq iz-zuntier ta' Pinu. Pero' żgur kien ta' sodisfazzjon kbir li f'April li għadda, nilqgħu fostna gruppi nternazzjonali għal l-ewwel attivita' (parti minn proġett ta' sentejn). Aħna flimkien mal-Kunsill kellna f'idejna l-ippjanar ta' din l-attivita. Tapiti meraviljużi b'materjali varji, sebbħu t-telgħa taċ-ċittadella u pjazza Indipendenza. Il-membri tagħna kif jixraq ippreparaw żewġ biċċiet minn dawk esebiti.

Bħalma semmejt qabel, din is-sena kienet waħda mill-iktar impenjattiva. Kellna ħafna inviti li ppruvajna nilqgħuhom kollha. Bdejna biex tnejn mill-membri marru Barcellona fejn hemm hekk ġie uffiċċjalment ippreżentat il-proġett ta' sentejn, bejn l-assoċjazzjoni tagħna, dik Catalana u dik ta' Noto. F'April grupp żgħir ippakkja għal vjaġġ twil lejn il-Ġappun, stedina li kienet ilha pendenti minn qabel il-pandemija. Hemmhekk il-membri tagħna taw sehemhom f'infjorata kbira komuni. F'Mejju, kellna stedina minn Pachino ġo Sqallija, fejn hemmhekk lestejna tapit bil-melħ ikkulurit f'nofs ħafna tapiti oħra magħmulin minn frott u ħaxix. Pachino huwa magħruf li kull sena jagħmlu inverdurata. F'Mejju wkoll membri oħra laqgħu l-stedina tal-Kunsill ta' Camaiore fl-Italja u hemmhekk f'parti minn attivita', ħejjew tapit ieħor bil-melħ ikkulurit. Għal-aħħar ta' Lulju, grupp ieħor marru Noto Sqallija għat-tieni attivita' tal-proġett imsemmi. Hemmhekk ġol-qalba ta' raħal sabiħ ta' Noto, ħejjew tapit spettakolari bil-melħ ikkulurit.



F'nofs Awwissu sar ġo Barcellona l-Kungress internazzjonali fejn hemmhekk jiltaqgħu l-gruppi kollha, aħna konna hemm ukoll. Apparti laqgħat u workshops, sar ukoll tapit b'disinn li jirrapreżenta lill-pajjiżna. L-aħħar stedina għal din is-sena reġgħet ħaditna l-bogħod, f'kontinent differenti. Il-ħbieb tagħna ta' Uriangato Messiku reġgħu talbuna nkunu parti fil-festa ta' San Miguel. Hemmhekk saret infiorata kbira bis-sehem tal-messikani u l-gruppi mistiedna. L-għada t-toroq ġew miksija b'tapiti tal-ward u materjali oħra biex fuqhom tgħaddi l-purċissjoni. Aħna lestejna disinn li kien jirrappreżenta l-Viżitazzjoni, tapit li sar bit-trab tal-irħam ikkulurit. Aħna grati ħafna, li bl-għajnuna t'Alla rnexxielna nwettqu dan kollu matul dawn ix-xhur. Huwa ta' unur li għalkemm żgħar xorta nkunu hemm kburin inxejru bandiera Maltija. Inħarsu l-quddiem għal aktar ġo raħalna, pajjiżna u barra minn xtutna.

F'ismi u f'isem il-membri kollha nawguraw sena ġdida mimlija saħħa u paċi.

## *Azzjoni Kattolika*

***Bernardette Vella***

Konna qegħdin fil-festi tal-Milied u I-ewwel tas-sena. Kulħadd ilissen I-istess kliem, qisu ħadd ma jrid jemmen il għaddiet sena oħra minn fuqna. Sena mimlija ftit min kollox, b'affarijiet li konna ppjanajna għalihom u oħrajn le, li ġew fuqna għall- għarrieda. Il-knisja fl-ewwel tas-sena tagħmel il-festa lill-Madonna bħala 0mm Alla, l-ikbar privileġġ li Alla tah u li qatt ma seta' jagħti lil xi ħadd mill-kreaturi tiegħu. Ħafna drabi ommijietna jafu x'inhu l-aħjar għalina u dan nistgħu ngħiduh b'mod speċjali fir-rigward ta' Marija I-omm tagħna tas-sema. Għalhekk f'dan il-jum għażiż tal-festa tagħha, ejjew nistaqsuha x'riżoluzzjonijiet tixtieqna nagħmlu fil-ftuħ tas-sena l-ġdida. 'Tixtieqna nbiddlu, nirranġaw jew nagħmlu aħjar. Forsi nersqu aktar lejn is-sagramenti tal-Qrar u t-Tarbin? Forsi nsibu aktar ħin addattat għat-talb individwali u għat-talba tant qawwija u għal qalbha tar-Rużarju? Forsi nirbħu fuq id-dnub li ilna wisq 'il boghod minn Alla u I-paċi tiegħu minħabba fih? Forsi nsewwu jew inwaqqfu xi relazzjoni li nafu li mhux qiegħda skont ir-rieda t'Alla? Ejjew inħallu lil Marija turina fil-qalb tagħna x'tixtieq minna bħala wlied devoti, nagħtuha widen għax dan jiswa lilna. Żgur li ħadd daqsha ma jridilna 'I veru ġid, dak il-ġid il jibqa' għal dejjem. F'isem L-Azzjoni Kattolika nibgħat I-isbaħ xewqat lil membri kollha u lill-komunita' tagħna tal-Għarb is-Sena t-Tajba.

**Fr Samuel Grech**



## NIĊĊELEBRAW FLIMKIEN

Iż-żmien tal-festi tal-Milied u tal-bidu ta' sena ġdida huma okkażjoni li fijom niċċelebraw flimkien bħala familja u bħala komunità, partikularment fil-gruppi li niffurmaw parti minnhom. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet huma marbutin direttament mal-fidi tagħna għax ifakkruna fil-misteru tal-Iben t'Alla li sar bniedem għalina u fil-fatt li ż-żmien huwa don misluf lilna minn Alla biex napprofittaw minnu kemm nistgħu. *Ibni għożż iż-żmien*, hekk ifakkarna l-arloġġ tal-lemin x'ħin tħares lejn il-knisja u hekk kull sena li tgħaddi u oħra li qed tibda jfakkruna f'din il-verità.

Matul din is-sena ċ-Ċentru kompla għaddej bl-attivitajiet tiegħu għall-ġid spiritwali u soċjali tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna. Apparti l-laqgħat ta' kull ġimgħa kienu bosta l-attivitajiet li għamilna flimkien. Għal din is-sena li qed nibdew għandna pjanati bosta attivitajiet oħrajn bil-għan li nkomplu nissaħħu fl-għaqda ta' bejnietna. Nixtieq insemmi tnejn partikulari, l-ewwel waħda li għal darb'oħra ser intellgħu kummiedja fuq il-palk taċ-Ċentru wara l-Għid. Wara l-esperjenza sabiħa tas-sena l-oħra, iddeċidejna li nerġgħu nagħmluha. Minkejja t-taħbit kollu li ġġib magħha attività bħal din, però l-ġid li tħalli warajjha jnessik b'xi mod dan kollu.

Esperjenza oħra li deħlin għaliha k'Alla jrid din is-sena, hija l-missjoni li grupp mill-parroċċa tagħna ser iwettaq fil-Guatemala dan is-Sajf fil-parroċċa ta' Dun Anton Grech. Nagħmel appell biex nakkumpanjaw bit-talb tagħna lill-voluntiera li sejrin għal din il-missjoni, sabiex din tkun esperjenza li tħalli l-ġid lilhom u lill-persuni kollha li ser jiltaqgħu magħhom.



Minn qalbi nirringrazzja lill-benefatturi kollha taċ-Ċentru li jsostnuna fil-ħidma mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna, waqt li nawgura lil kulħadd għal dan iż-żmien festiv.

*Tkunu mberkin*



# Mill-Iskola Primarja Karmni Grima tal-Għarb fi ħdan il-Kulleġġ t'Għawdex

GC GOZO COLLEGE
KARMNI GRIMA PRIMARY SCHOOL GĦARB

Sena skolastika oħra 2023/2024 li bdiet ftit tax-xhur ilu. Għalkemm għadna fil-bidu ta' din is-sena skolastika diġa' saru diversi attivitjiet u kif ukoll ħarġiet edukattivi. Żorna għall-ewwel darba l-Bank Ċentrali ta' Malta li jinsab il-Belt Valletta. L-istudenti tal-ħames u tas-sitt sena setgħu mhux biss jitgħallmu dwar il-flus imma ukoll kif jindunaw jekk il-karti tal-flus jkunux tajbin u jew foloz. Wara l-istudenti tal-ħames sena żaru l-Mużew tal-Arkeoloġija waqt li l-istudenti tas-sitt sena għamlu l-fieldwork madwar il-Belt Valletta. Ġurnata sabiħa, interessanti u kif ukoll ta' pjaċir għall-istudenti kollha. L-iskola kienet strumentali minħabba li għal din il-mawra x-xarabank telqet minn ħdejn l-iskola sal-Belt Valletta u lura.



Bħalissa għaddejjin tħejjiet għall-kunċert tal-Milied li ser isir fis-sala tal-iskola. Il-ġenituri ser ikunu fostna biex jaraw dan il-kunċert sabiħ imħejji b'tant sagrifiċċju mill-għalliema tal-iskola flimkien mal-istudenti kollha. Ninsabu tant ħerqana ghal dan il-kuncert u ferħanin li ser niċċelebraw dawn il-festi tal-Milied flimkien. Dawn huma ftit mill-affarijiet li jsiru matul il-ġranet tal-iskola, bħal kull sena komplejna ninvestu f'riżorsi u kotba li jgħinu fit-tagħlim. Ħa nkomplu nieħdu sehem f'diversi kompetizzjonijiet sew



lokali kif ukoll internazzjonali bħal *Mental Math International Championship (SuperT)* fejn dejjem ksibna riżultati tajbin ferm. Qegħdin nieħdu sehem fi proġetti ta' Ekoskola, *Leaf* u kif ukoll *Globe*. Din is-sena qed nagħmlu '*Soil Project*' fejn l-istudenti tagħna qed jieħdu kampjuni tal-ħamrija mill-ġnien tal-iskola. Dan qed isir kull nhar ta' Tnejn. Barra minn hekk kuljum qed tittieħed it-temperatura tal-ħamrija li tinsab fil-ġnien tal-iskola. L-istudenti qed jagħmlu xi osservazzjonijiet u jniżżlu informazzjoni dwar il-kundizzjoniet tat-temp u tal-ħamrija.

GOZO COLLEGE GHARB PRIMARY

Il-ħajja fl-iskola timxi b'mod tajjeb **GRAZZI** lill-għalliema, l-istaff kollu u dawk kollha nvoluti li jaħdmu mill-qalb u bla waqfien fl-interess tal-istudenti tal-iskola tagħna. Grazzi mhux biżżejjed tal-imħabba u dedikazzjoni li kull membru tal-istaff għandu lejn kull tifel u tifla. Għalina kull tifel/tifla huwa importanti u speċjali.

Nixtieq inwassal l-awguri tiegħi, ta' Ms Marion, tal-istaff u l-istudenti tal-iskola, għall- Milied Hieni u Qaddis u Sena Ġdida mimlija saħħa, mħabba u hena. Nieħu l-okkażjoni biex inħeġġikom issegwu l-paġna ta' *facebook* tal-iskola ***Għarb Primary School*** biex tkunu aktar infurmati b'dak li jkun qed isir fl-iskola. Nirringrazjaw bil-quddiem li kull min jixtieq joffri xi għajnuna lill-iskola.



# PROĠETTI U INIZJATTIVI - 2023

## MAFKAR SUNTA APAP



Il-Hadd 29 ta' Jannar, il-Kunsill Lokali l-Għarb onora lil Sunta Apap bl-inawgurazzjoni ta' mafkar f'għeluq it-tieni sena mill-mewt tagħha.

Il-Programm kien jinkludi quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u Bażilika taż-Żjara tal-Madonna, fl-Għarb u bi kxif tal-Monument ta' Sunta Apap magħrufa l-aktar bħala 'Sunta tal-Għarb'.

### *MEMORIAL SUNTA APAP*

*On Sunday 29th January l-Għarb Local Council honored Sunta Apap with the inauguration of a memorial on the second anniversary of her death.*

*The program included a mass in the Parish Church of the Visitation of Our Lady, in the Gharb and with the unveiling of the Monument of Sunta Apap better known as 'Sunta tal-Għarb'.*

## PROĠETT – CCTV CAMERAS




Bis-saħħa ta' fondi mogħtija mill-kumpanija LESA stajna nimplimentaw proġett importanti biex jitqiegħdu CCTV cameras madwar il-lokalità tal-Għarb, fi kważi f'kull daħla. Sa issa għandna 6 kameras live li qed jaħdmu 24x7. Proġett ieħor li jgħin f'ħajja aktar sigura fil-lokalità tagħna.

LESA

### *CCTV CAMERAS - PROJECT*

*Thanks to funds given by the LESA company we were able to implement such an important project to set out CCTV cameras around the locality of Għarb, almost at every entrance. Until now we have 6 live cameras that are performing 24x7 security. Another project that helps in protecting our locality to a safer life.*

## SKAMBJU KULTURALI FIL-POLONJA




Bejn l-4 u t-8 ta' Jannar 2023, il-Kunsill Lokali tal-Għarb organizza skambju kulturali fil-Polonja bħala parti mill-proġett Network of Towns – Europe for Citizens. Il-grupp żar diversi postijiet turistiċi u wieħed seta' igawdi ambjent kiesaħ bis-silġ fil-bidu tas-sena l-ġdida. Dan kien skambju ieħor ta' suċċess!

### *CULTURAL EXCHANGE IN POLAND*

*Between the 4th and 8th January 2023, l-Għarb Local Council organized a cultural exchange in Krakow Poland as part of the project Network of Towns Europe for Citizens. The group visited several touristic places and one had the opportunity to enjoy the cold environment of the snow at the beginning of a new year. It was another successful exchange!*

## XELTER GĦALL-QTATES



Aktar komodità lill-qtates abbandunati fil-lokalità tagħna. Ninvestu fil-benesseri tal-annimali. Grazzi lill-Ministeru għal Għawdex u d-direttorat tal-EKO Għawdex għandna l-ewwel xelter tax-xorta tiegħu fil-lokalità tagħna. Ser nipprovdu aktar. Il-Kunsill iħeġġeġ

lill-feeders biex jgħinu fiż-żamma tal-post kemm għall-indafa kif ukoll fil-manutenzjoni ta' dan ix-xelter u faċilitajiet oħra fil-lokalità.

### *SHELTER FOR STRAY CATS*

*More commodities to the stray cats in our locality. Investing in animal welfare. Thanks to the Ministry for Gozo and the ECO Gozo directorate we have the first shelter of its kind in our locality. We will provide more. The Council encourages the feeders to help in maintaining the place both for cleanliness and in the maintenance of this shelter and other facilities in the locality.*

### *GOZO EPHEMERAL ARTS FESTIVAL*



Il-Kunsill Lokali l-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Assoċjazzjoni Maltija EspressjoniArti Għarb u l-Ministeru għal Għawdex organizzaw il-'Gozo Ephemeral Arts Festival' fir-Rabat Għawdex bejn it-28 ta' April u l-1 ta' Mejju. Il-Festival sar bis-sehem ta' dawk l-Assoċjazjonijiet tal-Infiorata minn madwar id-dinja fosthom minn Spanja, il-Ġappun, l-Italja, il-Belġju u l-Messiku. Dawn il-gruppi ħolqu twapet spettakolari magħmulin minn fjuri friski, melħ u materjali oħra naturali fi Pjazza Indipendenza u fi Triq it-Telgħa tal-Belt, ir-Rabat. It-twapet tal-fjuri urew ħiliet u tekniki differenti mill-membri involuti. Dawn it-twapet tal-fjuri ġew inawgurati aktar tard filgħaxija mill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri flimkien mas-Sindku David Apap u l-membri tal-Assoċjazzjonijiet involuti. Il-pubbliku kien mistieden jingħaqad għall-workshops li saru fil-Villa Rundle, ir-Rabat Għawdex. Wieħed setgħa jitgħallem kif issir infiorata u joħloq disinn uniku tal-fjuri tiegħu stess. Tqassmu wkoll kotba tat-tpinġija u kuluri lit-tfal preżenti.

Hemm ukoll wirja ta' disinni kreati mill-membri tal-Assoċjazzjonijiet tal-Infiorata fil-Ministeru għal Għawdex. Din se tibqa miftuħa sat-22 ta' Mejju bejn id-9.00am u l-4.00pm. Din il-wirja ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri fil-preżenza tas-Sindku David Apap wara l-introduzzjonijiet li saru tal-Assoċjazzjonijiet waqt konferenza.

*L-Għarb Local Council in collaboration with the Assoċjazzjoni Maltija EspressjoniArti Għarb and the Ministry for Gozo organised the 'Gozo Ephemeral Arts Festival' in Victoria Gozo between 28th April and 1st May. The Festival was held with the participation of flower carpet makers from all over the world including Spain, Japan, Italy, Belgium and Mexico. These groups created spectacular carpets made of fresh flowers, salt and other natural materials at Independace Square and at Triq it-Telgħa tal-Belt in Victoria. These flower carpets showcased different skills and techniques. The flower carpet was inagurated on 29th April later in the evening with the unveiling of the finished masterpieces by Minister for Gozo Hon. Clint Camilleri along with Mayor David Apap and all the Infiorata associations. The public was invited to join the workshops held at Villa Rundle Victoria on Sunday where one could learn the process of doing an infiorata and could also create their own unique floral masterpiece. A flower colouring book and colours was distributed for the children present.*

*An exhibition of the previous infiorata designs created by all infiorata delegations is being held at the Ministry for Gozo main hall and will be open until 22nd May for public. This exhibition was inaugurated by Hon Minister for Gozo with the presence of Mayor David Apap after the introduction of the associations during a conference.*

### GYM FUQ BARRA

Tlesta ix-xogħol tal-immodernizzar u installar ta' out door gym, bankijiet, bins u railing fil-belvedere Kan Dun Salv Camilleri u safety floor fil-playing field fi Triq Tumas Cassar iffinanzjati mid-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni tal-Politika fi ħdan is-Segretarjat tal-Gvern Lokali. Fil-jiem li għaddew ġew installati ukoll dwal ġodda. Spazji aktar miftuħa u mgħammra u siguri fil-lokalita' tagħna.



### OUTDOOR GYM

*The modernization and installation work of an outdoor gym including benches, litter bins and railing at the Kan Dun Salv Camilleri belvedere and a safety floor in the playing field in Triq Tumas Cassar was implemented. This project is financed by the Directorate Strategy and Policy Implementation within the Secretariat of Local Government. New lights were also installed. More open, equipped and safe spaces for all in our locality.*

## INAWGURAZZJONI TAL-PROĠETT TAL-ASTRONOMIJA

Il-Kunsill Lokali l-Għarb permezz ta' fondi mill-Gozo Action Group taħt il-Programm Measure 3 tal-GAGF Leader Programme - "Gozo Attractions and Innovative Events for all Seasons" b'kollaborazzjoni mall-partners fil-proġett li huma l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni u l-Gozo Village Holidays għadu kemm temm ix-xogħolijiet fuq l-Astronomy Park li jinsab fi Triq Tumas Cassar fiż-żona ta' rikreazzjoni. Dan il-park qed ikun kumplimentari ma' din iż-żona fejn diġa hemm eżistenti l-grawnd tal-futbol u l-playing field. Il-Park ta' l-Astronomija ġie magħmul minn struttura tal-ħadid u ħġieg fejn fil-parti ta' fuq hemm dome li fiha qed tiġbor teleskopju professjonali li ġie maħdum minn kumpanija taljana b'reqqa kbira biex ikun jista' jintuża propju f'din iż-żona. Dan it-teleskopju għandu l-kapaċita' li jiffunzjona b'mod remot. L-għan tal-proġett huwa li jressaq u jagħmilha aktar faċli lid-dilettanti tal-astronomija u jipprovdilhom apparat meħtieġ u li ma jaffordjawx jakkwistaw personalment. Dan l-apparat ser ikun jista' jintuża minn professjonisti u universitajiet anke barra minn xtutna b'kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali u grupp ta' esperti u dilettanti fl-astronomija. Attivitajiet relatati ma' dan il-proġett ser ikunu qed jinżammu f'dan il-park li ser ikunu qegħdin immirati għall-familja kollha. Dan il-proġett ġie inawgurat nhar L-Erbgħa 31 ta' Mejju, 2023 fil-preżenza tas-Sindku David Apap, Kunsilliera u l-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri. Waqt is-serata sar kollegament dirett fejn kulħadd seta' jara immaġini tal-qamar dak il-ħin stess. Sar reċiviment tal-okkażjoni fl-aħħar tas-serata.



## *INAUGURATION OF ASTRONOMY PARK PROJECT*

*L-Għarb Local Council through funds from the Gozo Action Group under the Program Measure 3 under the GAGF Leader Program - "Gozo Attractions and Innovative Events for all Seasons" in collaboration with the partners of the project - Għaqda Mużikali Viżitazzjoni and the Gozo Village Holidays has just finished the works on the Astronomy Park which is located in Triq Tumas Cassar in the recreation area. This Park has been implemented to this area where the football field and the playing field are located. The Astronomy Park was made of an iron and glass structure where in the upper part there is a dome in which a professional telescope was manufactured by an Italian firm with great care so that it can be used right in this area. This telescope has the capacity to function remotely. The goal of the project is to introduce and make it easier for astronomy enthusiasts and provide them with appropriate equipment that they cannot afford to acquire personally. This device will be able to be operated by professionals and universities even in overseas in collaboration with the Local Council and a group of experts and amateurs in astronomy. Activities related to this project will be held in this park which will be aimed for the whole family. This project was inaugurated on Wednesday 31st of May, 2023 in the presence of Mayor David Apap, Councillors together with Hon Minister for Gozo Clint Camilleri. During the evening a direct connection was made where everyone could see images of the moon directly. A reception was held for all those present.*

## INAWGURAZZJONI TA' L-ARBLU INSTALLAT FI TRIQ L-GĦARB

Il-Kunsill Lokali l-Għarb, nhar il-Ħadd 18 ta' Ġunju wara l-quddiesa tal-10.00am inawgura l-arblu li twaqqaf fi Triq l-Għarb . Telaq marċ mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni mill-Pjazza Żjara tal-Madonna bis-sehem tat-tfal u ż-żgħażagħ tar-raħal li ġarrew l-bandiera li ittelgħet ma l-istess arblu. Kulħadd kien mistieden biex jattendi għal din l-attivita'. Kien hemm bibita tal-okkażjoni għal dawk kollha preżenti.

## *INAUGURATION OF FLAG POLE INSTALLED IN GĦARB ROAD*

*L-Għarb Local Council on Sunday 18th June, after the 10.00am mass inaugurated the flag pole in Għarb Road. A band march left from Pjazza Żjara tal-Madonna by Għaqda Mużikali Viżitazzjoni with the participation of children and youths*



*who will carried the flag that was raised with the same pole. Everyone was invited to attend. There was a reception for everyone present for the occasion.*

## TIĠDID TA' ŻEBGĦA TAT-TOROQ FL-GĦARB

Wiehed setgħa jinnota li saret iż-żebgħa tas-sinjali tat-toroq madwar il-lokalita' kollha tal-Għarb mill-ġdid. Dawn ix-xogholijiet qeghdin isiru bl-ghajnuna finanzjara tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali bhala parti mill-iskema ta' l-Accessibilita' u Mobilita'.




## *REFRESH OF ROAD PAINT*

*As one can notice road paint marks where refresh around the locality of Għarb. These works are being implemented thanks to the financial assistance of the Local Government Department as part of the Accessibility and Mobility scheme.*

## ĠITA NOTO 2023

Il-Kunsill Lokali ta' l-Gharb għadu organiżża ġita għal Noto fi Sqalija. Il-grupp li tela' setgha igawdi infiorata imtellgha f'Noto stess fejn kien hemm esebiti twapet ta' kuluri minn gruppi minn madwar id-dinja kif ukoll l-Assocjazzjoni EspressjonArti . Din kienet ġita oħra ta' suċċess.



## *TOUR TO NOTO 2023*

*L-Gharb Local Council organised a Tour to Noto in Sicily. This group had the opprtunity to see an infiorata that was organised in Noto where there was an exhibition of carpets from different groups coming from around the world including also our Association EspressjonArti.*

## TQASSIM TA' MUTURI ELETTRICI

Il-Kunsill Lokali tal-Għarb għadu kif qassam '*electric scooters'* lil grupp ta' adoloxxenti mil-lokalità. L-iskuters huma faċli biex issuqhom u se jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja. Aktar inizjattivi favur ambjent aħjar u arja aktar nadifa. Ir-residenti tal-Għarb jibqgħu l-ogħla prijorità tagħna.

## *DISTRIBUTION OF E-SCOOTERS*

*The Gharb Local Council has just distributed electric scooters to a group of teenagers from the locality. The scooters are easy to ride and will help reduce air emissions. More initiatives in favour of a better environment and cleaner air. Gharb residents remain our highest priority.*

## PROGETT LIBRERIJA GHARB

Proġett ieħor, librerija ġdida u faċilitajiet ġodda . Il-prijorità tagħna li ninvestu fl-edukazzjoni li tfisser investiment akbar fir-residenti speċjalment fit-tfal tagħna u l-ħila tal-qari. Proġett ko-finanzjat mir-Reġjun ta' Għawdex taħt l-iskema biex jissaħħu l-libreriji lokali. Din il-bidla gabet ukoll zida fil-hin ta' ftuh biex hekk issa mal-granet qed tat-Tlieta u Sibt qed inzidu l-Hamis mis-14:00 sat-15:00. Din il-faċilità hija wkoll parti miċ-ċentru ċiviku ta' l-Għarb. Ninvestu f'aktar titjib u proġetti.

## *GHARB BRANCH LIBRARY PROJECT*

*Another project, a new library and new facilities . Our priority to invest in education which means greater investment in residents especially in our children and the ability to read. A project co-financed by the Region of Gozo under the scheme to strengthen local libraries. This change also increased the opening time and therefore now with the days that are Tuesday and Saturday we are adding Thursday from 14:00 to 15:00. This facility is also part of the Għarb Civic Center. We invest in more improvements and projects.*

## SMART PARKING

Il-Kunsill Lokali tal-Għarb bl-għajnuna tat-Transport Malta ghadu kif installa 'smart parking sensors' madwar il-lokalita ta' l-Għharb li peremezz ta 'App' li se tiġi introdotta fiż-żmien qarib se tiffaliċita aktar li wiħed isib parkeġġ u ikun jfa eżatt fejn hemm spazjij vojta.

*The Local Council of Gharb with the help of Transport Malta has just installed smart parking sensors around the locality of Gharb which through an App that will be introduced in the near future will be more easy for everyone to find a parking lot and will know exactly where there are empty spaces available.*



# Il-Karnival fl-Għarb

**Joseph Galea**, *Professur tal-Kirurġija*



Figura 1. Il-Granmastru
Fra Marc Antoine Zondadari.

Il-Karnival f'Malta ilu jiġi ċċelebrat għalinqas mis-seklu 15 għaliex dokumenti tal-minuti tal-laqgħat tal-kunsill tal-Mdina jew l-Universita' kif kienet imsejjaħ dak iż-żmien jsemmu l-karnival fl-1468 u fl-1481[1]. Barra minn hekk il-kontijiet tal-Isptar Santu Spirtu tar-Rabat Malta juri li fil-ħmistax il-Seklu, fil-karnival il-pazjenti ta' dan l-isptar kienu jieklu ikel iktar tajjeb mis-soltu. L-Istoriku tal-Ordni ta' San Ġwann Giacomo Bosio (1544-1627) kiteb l-Istorja tal-Ordni ta' San Ġwann għal ħabta tal-1587 meta kien Ruma iżda ġiet ippublikata għall-ewwel darba 1621 f'Ruma. Giacomo Bosio kiteb li fl-1535 ħames snin wara li l-Ordni ġew Malta il-Gran Mastru Pierino di Ponte (1534-35) ikkundanna l-aġir ta' xi kavallieri li fil-karnival qagħdu jiġġieldu fil-logħob bil-lanez u x-xwabel u ngħaqdu ma xi maskerati fil-Birgu. Il-Granmastru sejħilhom stupidi, irresposabbli u abbużivi.[2] Ma jfissirx illi qabel ma ġew l-Ordni Malta, l-Maltin u l-Għawdxin ma kienux jiċċelebraw il-Karnival iżda din hi l-ewwel deskrizzjoni ta' x'kien jiġri. Fi żmien il-kavalieri kienu jsiru ħafna ċelebrazzjonijiet fil-karnival. Il-karnival kien jaħbat fit-tlett ijiem ta' qabel Ras Ir-Randan, jiġifieri l-Ħadd, it-Tnejn u t-Tlieta. Dan kien id-divertiment ta'qabel l-40 ġurnata sawm u astinenza li kienu jwasslu sal-Ġimgħa l-Kbira. Fi żmien il-kavallieri l-karnival kien jiġi ċċelebrat bil-kbir u xi kultant dan ix-xalar kien ikun mingħajr kontroll. Il-Granmastru Jean Paul Lascaris Castellar (1560-1657) fl-1639 ordna biex in-nisa ma jilbsux maskri u ma setgħux jattendu l-ballijiet fil-karnival. Din il-projbizzjoni qalgħet ħafna nkwiet u n-nies waħħlu fil-konfessur ta' Lascaris, il-ġiżwita Cassia.[3] Tant ma kienx popolari dan il-Granmastru li x'ħin xi ħadd ikun bil-geddum u rrabjat isejjħulu 'Wiċċ Laskri' u din għadha tissemma sal-lum. Fi żmien l-Ingliżi l-Karnival jidher li naqqas mil-attrazzjoni iżda wara t-tieni gwerra dinjija reġgħet żdidet il-popolarita tiegħu.



Figura 2. Maskarati fl-Għarb fis-snin sebgħin

F'Malta u Għawdex u allura fl-Għarb il-karnival jiġi ċċelebrat fit-3 ijiem ta'qabel Ras ir-Randan. F'Nofs is-seklu għoxrin nhar il-Ħadd filgħodu kienu jagħmlu l-pastizzi u l-qassatat. Kienu jagħġnu l-għaġina il-lejl ta'qabel. Il-pastizzi u l-qassatat kienu jimlewhom b'taħlita ta' ġobon frisk mil-ħalib tan-nagħag, ġobon moxx u bajd.[4] Kienu jagħmlihom f'turtieri u jeħduhom għand il-furnar biex isajjarhomlom. Dawn kienu jkunu lesti sa nofsinhar u l-familji kienu jagħmlu festa jikluhom. Il-Ħadd filgħaxija ħafna nies u ta' kull eta' kienu jilbsu ta' maskerati, jgħattu wicchom b'xi maskla u jibsu lbies li wieħed ma jkunx jista' jarafhom; xi kabozza, xi għonella jew xi boiler suit jew xi kutra li kienet tkun marbuta b'qafla fuq. Xi wħud minn dawn il-maskerati kienu jduru mar-raħal idoqqu l-kitarra u l-accordian jew iħabbtu fuq it-tamburlin. Oħrajn kellhom iż-żavżava li kienet magħmula minn tamburlin tond mgħotti bil-ġild tal-gidi. Stikka tal-injam kienet tgħaddi minn toqba fil-ġild u x'ħin kont tgħorokha l-ġewwa u l-barra tagħmel ħoss ta' żarżir. Xi rġiel kellhom trepid li kien trijanglu tal-ħadid li fuqu kienu jħabbtu b'virga tal-ħadid.



Figura 3. Maskerati lebsin il-kutri tas-sodda b'qafla marbuta fuq. Xi kultant maskerat kien jerfgħa xi ħadd iżgħar fuq spallejh u jitfgħu kutra fuqhom bħal maskarati fuq il-lemin. Meħud fis-snin sebgħin.

Kull distrett tar-raħal kellu l-grupp tiegħu jduru mat-toroq;

kien hemm gruppi mil-Fgura, ta' Fuq il-Blata, ta' Triq it-Trux, ta' Santu Pietru u t'Għammar. Il-maskerati kienu jitfgħu il-perlini lit-tfajliet sbieħ tar-raħal u kienu jieqfu f'kull ħanut tax-xorb biex jixorbu xi tazza inbid tal-lokal. L-aħjar kostum kien jintlibes nhar it-Tlieta, l-aħħar ġurnata tal-karnival.



Figura 4. Maskarat fl-Għarb fis-snin sebgħin

Fl-Għarb bħal f'irħula oħra t'Għawdex kienet issir żifna li jgħidulha l-'Kommettiva'.[4] Kienet issir fil-pjazza prinċipali, quddiem il-knisja parrokkjali. Kienu jintgħażlu tnax il-par, kollha subien għax il-bniet ma kienux jiżfnu fil-pubbliku dak iż-żmien.[4] Iż-żeffiena kollha jkunu rtukkjati; l-irgiel ikollhom il-mustaċċi mpittra u dawk li jkunu jirrappreżentaw l-bniet ikollhom l-ilbies ta' nisa, parrokki u irtokk addatat. Il-kummettiva kienet tibda bil-kliem 'Kun lura' u l-partners izommu jdejn xulxin u joqgħodu f'ċirku. Id-direttur tal-Kommettiva jgħid "Avanti' u ż-żeffiena jibdew jiżfnu mal-mużika. Iż-żfin fih ħafna movimenti bl-idejn biex janimaw iż-żifna. Mal-kelma 'Katalona' l-irġiel ibiddlu l-idejn u l-partners. Jibqgħu jimxu l-quddiem meta ordnijiet bħal 'Ilvanza', 'Provi' u 'M'hawn għalina' jingħataw. Kull raġel jiżfen mat-tfajliet kollha u ż-żifna tispiċċa bl-ordni ta' 'Kulħadd ma tiegħu'.[4] Ma sibtx evidenza li fl-Għarb kienet issir il-*kukkanja*. Fil-kukkanja isir arblu kbir wieqaf fil-pjazza u jindilek bix-xaħam. Iż-żgħażagħ jippruvaw jixxabtu sabiex jiħqu ir-rigal li jkun hemm fuq nett tal-arblu. Din bdiet Malta fi żmien il-Gran Mastru Marc Antonio Zondadari (1658-1722) (Figura1) fl-1721 u baqgħet fil-kalendarju tal-karnival sal-lum. Zondadari dam Gran Mastru tal-Ordni ta' Malta mil-1720 sal-1722.

Ħamsin sena ilu l-karnival fir-raħal kien għadu fl-aqwa tiegħu. Konna nilbsu ta' maskerati u nduru mar-raħal (Figuri 2,3 u 4). Konna nagħmlu minn kollox biex ma nintgħarfux u x'ħin konna ngħaddu minn quddiem in-nies bilqiegħda fuq is-siġġijiet quddiem id-djar tagħhom kont tismagħhom jargumentaw u jiddiskutu ma xulxin min jaħsbu li konna l-maskerati. Il-Ħadd wara nofs inhar imbagħad ħafna nies kienu joħorġu ir-Rabat biex jaraw l-isfilata tal-karnival bil-karrijiet trijumfali, karrijiet iżgħar, maskri grotteski, u baned bil-bandisti lebsin ħafna kuluri u żeffiena li xħin jaslu fil-pjazza jagħmlu ż-żifna tagħhom mad-daqq tal-mużika. Jgħaddu ukoll għand tal-ħelu u jixtru xi kwart prinjolata. Fl-1972 u għal xi snin wara fi żmien l-amministrazzjonim laburista ta'dak iż-żmien il-karnival kien isir f'Mejju[5] minħabba li fi Frar kien ikun il-maltemp u l-karnival kien jitħarbat. Niftakar konna nħossuna strambi niċċelebraw il-karnival f'dak ix-xahar. Fl-1988 u fil-bidu tal-amministrazzjoni Nazzjonalista l-karnival reġa lura għal Frar bħal qabel[6] u għadu jiġi ċċelebrat fi Frar sal-lum.

Sfortunatament il-karnival bil-maskerati kważi spiċċa għal kollox mir-raħal għaliex ħafna żgħażagħ mir-raħal tal-Għarb imorru u jilbsu ta' maskerati fir-raħal tan-Nadur fejn il-maskerati Għawdxin u ħafna Maltin kull sena jiċċelbraw il-karnival hemmhekk (Figura 5)

Referenzi

1. Grima Joseph. It happened in February:The beginning of carnival in Malta. TOM February 23, 2020
2. Bosio Giacomo. Dell'Istoria della Sacra Religione et Illustratissima Lilitia fi San Giovanni Gerolasimitano. (Vol 2). 1621.
3. Cassar Pullicino, Joseph. "The Order of St. John in Maltese Folk-Memory" Scientia 1949, vol 15. p. 173.
4. Formosa Patrick. History of Gharb. BA thesis, Malta 1971, paġ 173-176.
5. Castellian. Carnival Celebrations.Times of Malta, 23 January 1972, paġna 3
6. Crowds Cram Valletta for Carnival Spectacle: Riot of Colour and Music. Times of Malta, Monday, 15 February 1988 paġna 13.



Figura. 5. Maskerati fin-Nadur Għawdex (minn Visitgozo.com)




(Ritratt ta' Maurice Cauchi)

# ROKNA SAĦĦA



# Il-Mard tal-Qalb fil-Maltin

*Artiklu miktub minn Christine Azzopardi Tabone*

Skond cifri ppublikati fil-parlament sentejn ilu, l-mard tas-sistema cirkolatorja li jinkludi l-puplesija u l-attakki tal-qalb huma l-kawza l-aktar komuni tal-mewt fil-Maltin. Dawn kienu segwiti mill-kancer, mard tas-sistema respiratorja, dimenzja, dijabete, COVID-19, mard tas-sistema digestiva u ohrajn. Huwa stmat li fis-sena 2021 mietu 1230 individwu b'mard tas-sistema cirkolatorja.

Il-mard tas-sistema cirkolatorja huwa l- kawza principali ta' mwiet mhux biss f'Malta, izda mad-dinja kollha. Kif indikat mill-Ghaqda Dinjija tas-Sahha (WHO), kull sena jmutu madwar 17.9 miljun persuna madwar id-dinja kawza ta' dan il-mard u skond l-Alleanza tal-Mard li Ma Jittehidx (NCD alliance) huwa stmat li dawn ser jizdiedu ghal 23.6 miljun sas-sena 2030.

Li jigri f'attakk tal-qalb, hu li wahda mill-arterji principali li soltu twassal id-demm ghall-qalb, tinstadd. L-arterji, jimirdu meta jingema' x-xaham fil-hitan taghhom. Meta l-hajt ta' l-arterja jinfaqa', jigi lliberat xaham u kontenut iehor go l-arterja, id-demm jaghqad fiha u l-arterja tigi mblukkata. Dan eventwalment iwassal ghal nuqqas ta' demm u ossignu fil-qalb li huma essenzjali biex il-qalb tahdem sew.

Is-sintomi ta' attakk tal-qalb m'humiex l-istess f'kull individwu, pero' hafna drabi jkun hemm ugiegh jew skumdita fis-sider li fil-maggoranza tal-kazi dan ifegg f'daqqa u jippersisti ghall-hin twil. Dan jinhass l-aktar fuq in-naha tax-xellug tas-sider minhabba l-fatt li l-qalb tinstab fin-nofs tas-sider u xxaqleb ftit lejn ix-xellug. Pazjent li qed isofri minn attakk tal-qalb jista' wkoll jipprezenta b'ugiegh li jinfirex lejn id-dirghajn, l-ghonq, id-dahar u l-istonku. Sintomi ohra jinkludu: dardir u remettar, sturdament, qtugh ta' nifs qawwi u gharaq ixoqq ghalik. Sintomu komuni iehor li hafna drabi jirraprezentaw bih persuni tas-sess femminili huwa ugiegh fil-hanek. F'kazijiet rari, individwi jistghu jhossuhom ftit mhux f'sikkithom jew sahansitra ma jhossu kompletament xejn. Din tigri f'nies anzjani jew individwi dijabetici.

Xi testijiet li jsiru fl-isptarijiet biex jidentifikaw jekk persuna tkunx issofri minn attakk tal-qalb, jinkludu l-"electrocardiogram" jew kif nsibuh fil-qosor ECG, li juri kif ikun ghaddej l-elettriku fil-qalb u li hafna drabi jaqbad sinjali tipici f'kaz ta' attakk, test tal-livell tat-troponina li huwa proteijna fid-demm li tindika hsara fil-muskolu tal qalb, kif ukoll ultrasound li jevalwa l-funzjoni tal-qalb.

Persuna li tinstab pozittiva ghal attakk tal-qalb tigi kkurata b'interventi li l-ghan taghhom hu li d-demm jerggha jiccirkola lejn dik il-parti tal-qalb li tkun sofriet hsara permezz ta' l-imblokk. Xi ezempji ta' dawn l-interventi jinkludu medicini li jkissru d-demm li jkun ghaqad fl-arterja, bypass jew l-introduzzjoni ta' molla biex terga' tinfetah l-arterja.

Fl-istudju xjentifiku "Maltese Acute Myocardial Infarction Study" jew MAMI Study gew identifikati r-riskji li qed iwasslu ghall-attakki tal-qalb fil-Maltin. F'dan l-studju ppartecipaw 'il fuq minn 1000 persuna Maltija u Ghawdxija li kienu jinkludu nies li pprezentaw fl-isptar Mater Dei jew fl-isptar Generali t'Ghawdex bl-ewwel attakk tal-qalb taghhom, individwi li qatt ma' esperjenzaw problemi tal-qalb, kif ukoll qraba ta' l-istess kazijiet imsemmija. Dawn il-partecipanti irrispondew kwestjonarju dettaljat li kien jinkludi mistoqsijiet dwar l-istil tal-hajja taghhom kif ukoll ittehdulhom xi kampjuni tad-demm ghall-ittestjar.

Minn dan l-istudju hareg li t-tipjip, il-pressjoni gholja u livell ta' xaham gholi fid-demm huma whud mill-fatturi li wasslu ghal riskju akbar ta' attakk tal-qalb. Kemm min ipejjep, kif ukoll min jigi espost ghad-duhhan tas-sigaretti ghandu zieda kbira fir-riskju li jsofri minn



attakk tal-qalb.

Fatt iehor interessanti li wera dan l-istudju huwa dwar ix-xorb alkoholiku. Ir-riskju ghal attakk tal-qalb ivarja skond l-ammont ta' xorb ikkunsmat, bl-akbar zieda fir-riskju jkun f'dawk li jixorbu sitt xarbiet jew aktar f'okkazzjoni wahda. Ir-riskju li wiehed isofri minn attakk tal-qalb hu wkoll gholi hafna f'persuni dijabetici li ma jzommux il-livell taz-zokkor taht kontroll.

F'dan l-istudju x-xjentisti taw ukoll harsa lejn kif l-effett tal-livelli ta' xi proteini prezenti fid-demm li huma nvoluti fil-process naturali tat-tghaqqid tad-demm jistghu iwasslu ghal zieda fir-riskju ta' attakk tal-qalb. Nies b'livelli gholja ta' dawn il-proteini rrizultaw li ghandhom riskju akbar li jsofru minn attakk tal-qalb. Il-livell ta' dawn il-proteini fid-demm ivarja bejn l-individwi skond il-genetika, pero' dawn il-livelli jistghu jizdiedu permezz ta' fatturi ohra determinati mill-istil ta hajja ta' l-individwu bhal nghidu ahna, jekk wiehed ikun ipejjep, ikollu pressjoni jew livell ta' xaham gholi fid-



demm. Is-sess maskili, nies kbar fl-eta', kif ukoll persuni dijabetici ukoll ghandhom tendenza ghal-livelli oghla ta' dawn il-proteini.

Hu mifhum li l-mard tal-qalb mhux ikkawzat minn fattur wiehed biss izda minn hafna fatturi flimkien kemm genetici kif ukoll ohrajn marbuta ma' l-istil ta' hajja ta' l-individwu li meta kkumbinati flimkien jipprezentaw varjeta' fil-livell ta'riskju ghal-attakk tal-qalb. Niehdu ezempju jekk persuna fil-genetika taghha hija predisposta ghal-mard tal-qalb u din fil-hajja taghha qed tesponi ruhha ghat-tipjip ir-riskju li din il-persuna ssofri attakk jizdied b'mod konsiderevoli.

Ghalhekk jekk wiehed jixtieq inaqqas ir-riskju li jsofri minn attakk tal-qalb important li jaghmel il-parti tieghu billi jzomm dieta bilancjata, jikkontrolla l-livell ta' zokkor, pressjoni u xaham fid-demm kif ukoll inaqqas il-konsum ta' l-alkohol, iwaqqaf it-tipjip u jaghmel ezercizzju regolari.

L-istudju MAMI sar b'kollaborazzjoni bejn l-Universita' ta' Malta u d-Dipartiment tas-Sahha immexxi minn Prof. Stephanie Bezzina Wettinger u iffinanzjat mil- Kunsill Malti tax-Xjenza u t-Technologija (MCST) R&I 2008 u diversi scholarships MGSS u STEPS mid-dipartiment tal-Edukazzjoni. Ricerkaturi involuti f'dan l-istudju jinkludu lil Prof Rosienne Farrugia, Dr Ritienne Attard, Ms Christine Tabone u Dr Philip Dingli. Dan il-progett qed jitkompla bi progett iehor TargetMI ffinanzjat minn fondi Pathfinder tal-Kunsill ghall-Innovazzjoni Ewropea tal-UE.





***Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali l-Għarb. Għamel użu minnhom!!!***

***Services offered by l-Għarb Local Council. Make use of them!!!***



**IL-KUNSILL MIFTUĦ GĦALL-PUBBLIKU:**
Fix-Xitwa: mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u t-3.00pm
nhar ta' Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am
Fis-Sajf: mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u n-12.30pm
nhar ta' Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am

***THE COUNCIL IS OPEN TO PUBLIC:***
*Winter: Monday to Friday between 8.00am and 3.00pm*
*Saturday between 8.15am and 11.15pm*
*Summer: Monday to Friday between 8.00am and 12.30pm*
*Saturday between 8.15am and 11.15am*

**TRID TGĦADDI XI LMENT JEW GĦANDEK XI SUĠĠERIMENT?**
Mela ċempel fuq 21560556 jew ibgħat email fuq gharb.lc@gov.mt

***YOU WANT TO MAKE A COMPLAINT AND/OR YOU HAVE A SUGGESTION?***
*Then call on 21560556 or send an email on gharb.lc@gov.mt*



**LIBRERIJA PUBBLIKA ĠEWWA L-KUNSILL LOKALI**
**– Issib għażla vasta ta' kotba għal kulħadd!!!**
Ħinijiet tal-ftuħ: It-Tlieta mit-8.30am san-12.30pm, is-Sibt mit-8.30am sal-11.00am. Waqt il-ġranet li jkun hemm l-iskola tiftaħ ukoll kull nhar ta' Ħamis mis-2.00pm sat-3.00pm

***PUBLIC LIBRARY AT THE LOCAL COUNCIL***
***– A large variety of books for all to choose from!!!***
*Opening hours: Tuesdays – 8.30am – 12.30pm, Saturdays – 8.30am – 11.00am. During school days will also be open on Thursdays from 2.00pm till 3.00pm.*




**SERVIZZ TA' WIFI MADWAR L-GĦARB FL-INĦAWI TA':** Triq l-Għarb – Triq il-Viżitazzjoni – Triq Tumas Cassar – Triq Santu Pietru – Triq il-Madonna tal-Virtut – Pjazza Gerano – Pjazza Praga – Triq l-Isqof Mikiel Molina – San Dimitri – Wied il-Mielaħ

***Free WIFI service around Għarb at:*** Triq l-Għarb – Triq il-Viżitazzjoni – Triq Tumas Cassar – Triq Santu Pietru – Triq il-Madonna tal-Virtut – Pjazza Gerano – Pjazza Praga – Triq l-Isqof Mikiel Molina – San Dimitri – Wied il-Mielaħ

**ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU, ORGANIKU U TAR-REĊIKLAĠĠ**

**Inżommu l-indafa fil-lokalita'......**

Nota importanti – Dejjem oħroġ il-borża tal-iskart sa sija qabel il-ħin tal-ġbir u ħallih wara l-bieb tiegħek.




**ORGANIC:** Cheese, Coffee, Cooked food, Leftovers, Cooked or raw meat, Dairy products, Egg and egg shells, Expired food (without packaging), Fish, Flowers, Fruit & vegetable peels, Honey, Leaves, Pasta, Raw food, Rotten fruit & vegetables, Soiled newspapers, Soiled napkins, Sugar, Tea bags, Tea leaves, Spreads (eg honey and butter), Nut shells, Seafood shells

**MIXED:** Adhesive tape, Soiled aluminium foil, Baking paper, Broken ceramics / pyrex, Dirty food wrappers, Cellophane tape, Dirty-take away boxes, Foil coated packets, Dust, Polystyrene, Labels, Photographs, Plant pots, Used sponges, Sanitary items, Shoes, Hair (human & animal), Small broken mirrors, Stickers, Toothpaste tubes, Used cleaning materials, Used rubber gloves, Used floor cloths, Wax paper, Wet wipes, Cigarette butts & ashes, Candles, CDs, snack packets, Toothpicks, Ice lolly sticks and wooden skewers, Twigs, Sanitary Items, Animal waste and pet litter, Nappies

**RECYCLED:** Aluminium trays & foil (clean), Beverage cans, Cardboard, Carton food boxes (clean), Cooking oil bottles, Cosmetic containers (clean), Detergent bottles (empty container), Detergent boxes, Food cans, Jar lids, Liquid soap container (empty), Magazines, Plastic bottles, Margarine tubs (clean), Metal caps, Milk and Juice cartons, Newspapers, Notebooks, Paper, Paper bags (clean), Plastic bags (clean), Plastic caps, Plastic containers, Plastic food packets, Plastic bottles, Shampoo bottles (empty), Shower gel bottles (empty), Spray cans (empty), Take-away boxes (clean), Toilet paper rolls, Toiletries (clean containers), Yoghurt containers (clean)




***DOMESTIC, ORGANIC AND RECYCLED REFUSE COLLECTION***

***Keeping the locality clean.....***

*Important note – Always take the refuse bag out within one hour before collection time and always leave it infront of your door.*

**KONTENITURI TAR-RIĊIKLAĠĠ OFFRUTI 24 SIEGĦA KULJUM FI TRIQ IL-VIŻITAZZJONI...**

- **Tal-karti** – bin abjad
- **Tal-metal** – bin iswed
- **Tal-plastic** – bin blu
- **Tal-ħġieġ** – bin kannella
- **Tal-ħwejjeġ** – kaxxa apposta blu
- **WEEE – skart elettroniku żgħir** – ġo kaxxa ħadra apposta
- **Tal-batteriji** – kontenitur ġewwa l-Kunsill Lokali
- **BCRS Bin** – għal depożitu tal-flixken tal-plasic u tal-ħġieġ

***RECYCLED REFUSE BINS OFFERED 24-HOUR EVERYDAY AT TRIQ IL-VIŻITAZZJONI...***

- ***Paper –*** *white bin*
- ***Metal –*** *black bin*
- ***Plastic –*** *blue bin*
- ***Glass –*** *brown bin*
- ***Clothes –*** *Blue box*
- ***WEEE – small electronics refuse –*** *Green netted box*
- ***Battries –*** *container at the Local Council*
- **BCRS Bin** – deposit for plastic and glass bottles

**F'KAŻ TA' KOLLUŻJONI ċemplu fuq 21320020**

**In CASE OF A COLLISION ACCIDENT call on 21320020**





**SERVIZZ TA' OPEN SKIP - Triq Tumas Cassar – fid-9.00am is-Sibt**
**Dan is-servizz provdut biss għar-residenti bl-ID card.**

- Ma jistax jintrema – materjal elettroniku u ta' kostruzzjoni (bħal ġebel, madum, terrapien, eċċ). Ara l-kalendarju li tqassam mill-Kunsill għad-dati tas-servizz offrut matul is-sena 2023.

***OPEN SKIP SERVICE – Triq Tumas Cassar at 9.00am on Saturday***
***This service is provided only to ID card holder residents.***

- *Electronic and construction material cannot be disposed in this skip. See the calendar distributed by the Council for this service dates during 2023.*

**SERVIZZ TA' ĠBIR TA' SKART GOFF BIEB BIEB BLA ĦLAS**
Ċempel il-Kunsill biex tirresġistra għal dan is-servizz billi ċċempel fuq 21560556.

***FREE SERVICE - DOOR TO DOOR BULKY SERVICE***
*Call at the Council on 21560556 to register for this service.*





**ĦLASIJIET AĊĊETTATI MILL-KUNSILL TAL-GĦARB**
• Liċenzji tal-ħwienet • Kontravenzjonijiet • Raba' tal-Gvern • Permessi

***PAYMENTS ACCEPTED AT THE LOCAL COUNCIL***
*• Shop licences • Contraventions • Government land rent • Permits*

**MANUTENZJONI TAD-DAWL TAT-TOROQ**
Irraporta ħsarat tal-bozoz tat-triq billi ċċempel il-Kunsill u importanti li tindika n-numru tal-bozza li jkun imwaħħal mal-istess bozza.

***STREET LIGHTHING MAINTENANCE***
*Report bulbs not functioning and intermittant by calling the Local Council and indicate the number fixed with the lamp that need maintenance.*





**ĊENTRU TA' MATUL IL-JUM GĦALL-ANZJANI RESIDENTI**
Servizz b'xejn għall-anzjani residenti kull nhar ta' Tnejn.

***DAY CENTRE FOR THE ELDERLY RESIDENTS***
*Free service for the elderly residents every Monday*



**APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-PERMESSI**
Kull min ikun jeħtieġ permess ta' skip, krejn, high-up, lifter, scaffolding u oħrajn magħhom issa jista' jibda' juża s-sistema tal-permessi online. Importanti ħafna li wieħed jinnota li l-applikazzjoni għall-permess trid issir minn JUMEJN qabel (48hrs) kif tgħid il-liġi u biex jevita' li jħallas flus adizzjonali biex jinħareġ il-permess. Biex tapplika wieħed jrid jidħol fis-sit: https://www.permitsystem.online

**APPLICATION FOR PERMITS**
Anyone in need of a permit for a Crain, high-up, lifter, scaffolding and others can apply through an online permit system. It is important to note that according to the law, applications must be carried out two days (48hrs) before so that an additional fee will be avoided to issue the permit. To apply please use the website: https://www.permitsystem.online

# Children's Corner



## Christmas Word Search



Find the festive words hidden below – words may appear in any direction, horizontally or vertically!

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | E | R | E | E | D | N | I | E | R | D | M |
| L | Q | U | I | H | J | M | U | C | H | S | P |
| C | U | P | W | E | H | P | L | O | D | U | R |
| R | A | N | G | E | L | R | T | U | B | T | E |
| N | J | N | A | T | I | V | I | T | Y | S | S |
| S | L | E | D | L | A | C | Z | I | K | A | E |
| N | H | S | B | Y | E | T | A | N | L | N | N |
| O | G | N | I | K | C | O | T | S | J | T | T |
| W | I | O | M | F | P | A | G | L | C | A | S |
| M | E | X | E | R | S | U | N | D | H | J | I |
| A | L | B | H | T | F | L | E | E | A | L | N |
| N | S | L | Z | R | W | F | R | O | S | T | G |

| | | | |
|---|---|---|---|
| SANTA | ANGEL | NATIVITY | SLEIGH |
| RUDOLPH | CANDY CANE | REINDEER | FROST |
| SNOWMAN | PRESENTS | STOCKING | ELF |

## The Goose with the Golden Eggs



Once upon a time, a man and his wife had the good fortune to have a goose which laid a golden egg every day. Lucky though they were, they soon began to think they were not getting rich fast enough.

They imagined that if the bird must be able to lay golden eggs, its insides must be made of gold. And they thought that if they could get all that precious metal at once, they would get mighty rich very soon. So the man and his wife decided to kill the bird.



However, upon cutting the goose open, they were shocked to find that its innards were like that of any other goose!

MORAL: THINK BEFORE YOU ACT







# RIĊETTI

Liza Frendo



## GĦAĠIN BIL-BRUNĠIEL

*Ikollok bżonn:*

- 200g penne
- 600g brunġiel
- 800g polpa tat-tadam
- 200g ġobon mazzorella mqatta' biċċiet
- 50g ġobon parmesan maħkuk
- Żewġ bajdiet mgħolijjin
- 1 basla mqatta rqiq
- Ftit ħabaq Imqatta'
- ½ kuċċarina origano
- Ftit żejt oħra
- Bżar u melħ
- ½ cream
- Bżar u melħ u tursin mqatta' biex iżejjen

*Kif tagħmel:*

- F'taġen sajjar il-basla f'nar baxx sa ma tirtab ħawwad kultant;
- Żid il-brodu u sajjar għal 20 minuta jew sa ma jsiru z-zunnarija;
- Poġġi din it-taħlita ġo 'blender';
- Issa neħħi mil-'blender' u itfa ġo borma;
- Żid il-melħ u l-bżar u żejjen bit tursin;
- Servi 4 persuni.

*Kif taghmel:*

- Qatta' l-bruġiel 'slices u xarrab f'ilma bil-melħ għal siegħa;
- Qattar sewwa mil-ilma;
- Issa sajjar fuq grill għal żewġ minuti fuq naħħa waħda biss;
- Saħħan iż-żejt f'taġen u aqli l-basla, żid il-polpa u l-origano, żid il-melħ u bżar;
- Sajjar għal 20 minuta, neħħi min fuq in-nar u żid il-ħabaq. Sajjar l-għaġin f'ħafna ilma bil-melħ;
- Saffi mil-ilma u ħallat ma nofs iz-zalza. Idlek dixx tal-forn biż-żejt, issa itfa ftit zalza fil-qiegħ. Itfa ftit zalza fil-qiegħ u għamel saff bil-bruġiel, pesto, ġobon maħkuk, bajd, mazzorella u ftit zalza.

## SOPPA TAZ-ZUNNARIJA

*Jkollok bżonn:*

- 1 basla mqatta rqiqa
- 2 mgħaref butir
- 6 zunnarijiet mqaxxrin, mqatta' slices
- ¼ kuċċarina cinammon
- 3 kikkri dry sherry

## ĊANGA

*Jkollok bżonn:*

- 800g ċanga imqatta biċċiet
- 8 basliet żgħar
- 4 karrotti żgħar 'sliced'
- 2 zkuk tal-karfus 'sliced'
- 2 mgħaref dqiq
- 2 mgħaref żejt taż-żebbuġa
- 1 mgħarfa butir
- 2 mgħaref kunserva
- Kikkra nbid aħmar
- 2 sinniet tewm mgħafġin
- Żewg werqiet randa



*Kif tagħmel:*

- Ħallat il-laħam mad-dqiq li jkun fih melħ u bżar;
- Saħħan il-butir ġo taġen u aqli ftit il-laħam ġo fiħ minn kull naħħa;
- Neħħi l-laħam mit-taġen u poġġieħ ġo dixx li għandu l-għatu;
- Neħħi t-taġen minn fuq in-nar u neħħi id-dqiq li jkun fi li jkun fil-qiegħ;
- Itfa l-inbid fit-taġen, il-weraq tar-rand, il-kunserva u tewm. Ħawwad sewwa u itfgħu ġo dixx fuq il-laħam Għatti bil-għatu u sajjar ġo forn moderat għal siegħa;
- Issa żid il-basal, karrotti u l-ħaruf u kompli sajjar għal 40 minuta jew sa ma jsir l-laħam.

## ORANGE & ALMOND CAKE

*Jkollok bżonn:*

- 4 larinġiet kbar
- 6 bajdiet imħabbtin
- 225g 'almonds' mitħun
- 225g 'caster sugar'
- Kuċċarina 'baking powder'
- 100g zokkor
- Imgħarfa 'Amaretto liqueur'

*Kif tagħmel:*

- Aħsel u għalli żewġ larinġiet bil-qoxra għal sagħtejn;
- Saffi u ħallih jiksaħ;
- Itħan il-larinġ fil 'food processor';
- Ħabbat flimkien il-bajd, il-larinġ mitħun, almonds, caster sugar, u baking powder. Itfa t-taħlita ġo landa tal-cake 23cm li tkun dlikt u li l-qiegħ jinqala. Aħmi ġo forn 190° jew mark 5 għal siegħa jew sa ma tiħmar ftit;
- Ħalli l-cake jiksaħ fil-landa;
- Issa qaxxar iż-żewġ larinġiet l-oħra u qattahom slices;
- Poġġi zokkor u 3 mgħaref ilma ġo kazzola fuq in-nar u xħin jagħli itfa larinġ slice u sajjar għal sitt minuti;
- Neħħi s-'slice tal-larinġ u ħalliħ jibred;
- Issa neħħi l-cake mil-landa u rranġa l-larinġ slice fuq il-cake;
- Issa ħallat l-Amaretto u 'syrup u itfgħu fuq il-larinġ fuq il-cake.



# 2023 Mid-Djarju tal-Kunsill

**SKAMBJU KULTURALI FIL-POLONJA**

**4 ta' Jannar** - Il-Kunsill Lokali tal-Għarb organizza skambju kulturali fil-Polonja bħala parti mill-proġett Network of Towns – Europe for Citizens. Il-grupp żar diversi postijiet turistiċi u wieħed seta' igawdi ambjent kiesaħ bis-silġ fil-bidu tas-sena l-ġdida. Dan kien skambju ieħor ta' suċċess!



**CULTURAL EXCHANGE IN POLAND**

***4th January*** *- L-Għarb Local Council organized a cultural exchange in Krakow Poland as part of the project Network of Towns Europe for Citizens. The group visited several touristic places and one had the opportunity to enjoy the cold environment of the snow at the beginning of a new year. It was another successful exchange!*

**MAFKAR SUNTA APAP**

**29 ta' Jannar** - Il-Kunsill Lokali l-Għarb onora lil Sunta Apap bl-inawgurazzjoni ta' mafkar f'għeluq it-tieni sena mill-mewt tagħha fi Pjazzetta Isqof Nikol Ġ. Cauchi.



***MEMORIAL SUNTA APAP***

***29th January -*** *L-Għarb Local Council honored Sunta Apap with the inauguration of a memorial on the second anniversary of her death in Pjazzetta Isqof Nikol Ġ. Cauchi.*

**KARNIVAL FL-GĦARB 2023**

**16 ta' Frar** - Il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza serata tal-karnival taħt tinda meraviljuża mixgħula bl-isbaħ kuluri għall-okkażjoni fiċ-ċentru tar-raħal. Ħadu sehem aktar minn 12-il grupp b'kostumi u koreografija mill-isbaħ kif ukoll maskri grotteski ta' kull għamla u lewn. Grazzi lill-parteċipanti kollha. Il-Kunsill Lokali jinsab sodisfatt ħafna bis-suċċess ta' dan l-avveniment li għalih attendew bosta nies.



***GĦARB CARNIVAL 2023***

***16th February*** *- L-Għarb Local Council organised a carnival event under a fantastic tent lit up with the most beautiful colours for the occasion in the center of the village. More than 12 groups with wonderful costumes and choreography took part along with unique and colourful grotesque masks. Thanks to all participants. L-Għarb Local Council is very satisfied with the success of this event which was attended by many people.*

**PROĠETT FAMILY HUB**

**24 ta' Frar** - L-Onorevoli Clint Camilleri, Ministru għal Għawdex flimkien mas-Sindku David Apap, Viċi Sindku,



Kunsilliera u Kumitat tal-Gozo Action Group, LAG Għawdex għamlu żjara fuq il-Proġett Family Meeting Hub li sar permezz ta' fondi tal-Leader f'żoni differenti fl-Għarb.

***FAMILY HUB PROJECT***

***24th February*** *- Hon Clint Camilleri, Minister for Gozo together with the Mayor David Apap, Deputy Mayor, Councilors and the committee of the Gozo Action Group, LAG Gozo visited the Family Meeting Hub Project which was implemented out through Leader funds in different areas in Għarb.*

**INFJORATA TAL-MELĦ MILL-ESPRESSJONARTI GĦARB**

**2 ta' April -** Il-Grupp EspressjonArti Gharb kreja infjorata tal-melħ fuq disinn tas-sur Micheal Bajada bit-tema tal-Għid ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Intramat tinda fuq din l-infjorata sabiex tiġi protetta mill-elementi tat-temp, sservi aktar u tkun tista' tigi ammirata minn bosta. Grazzi lill-Grupp tax-xoghol siewi li għamel.

***2nd April*** *– The group EspressjonArti Għarb created a salt infiorata on a design by Mr Micheal Bajada with an Easter Theme. This infiorata was held at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna was covered with a dome tent so that it could be protected from the weather elements, remain intact for longer and could be admired by many. Well done to the group for their impressive works.*

**GOZO EPHEMERAL ARTS FESTIVAL**

**28 ta' Apri**l- l-Kunsill Lokali l-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Assoċjazzjoni Maltija EspressjonArti Għarb u l-Ministeru għal Għawdex organizzaw il-'Gozo Ephemeral Arts Festival' fir-Rabat Għawdex. Il-Festival sar bis-sehem ta' dawk l-Assoċjazjonijiet tal-Infiorata minn madwar id-dinja u kien gawdut minn bosta.

***28th April*** *- L-Għarb Local Council in collaboration with Assoċjazzjoni Maltija EspressjonArti Għarb and the Ministry for Gozo organised the 'Gozo Ephemeral Arts Festival' in Victoria Gozo. The Festival was held with the participation of flower carpet makers from all over the world which was admired by many.*

**COMMUNITY WORKERS DAY 2023**

**8 ta' Mejju** - Għat-tieni sena konsekuttiva l-Kunsill organizza attivita' għall-familja kollha bis-sehem tal-korpi dixxiplinati u ta' emerġenza, f'Għawdex, il-Gozo Community Policing Team, il-LESA, l-AFM, il-Protezzjoni Ċivili, kif ukoll entitajiet differenti mill-korp tal-Pulizija fosthom it-taqsima tal-forensika, t-taqsima taż-żwiemel u tal-klieb.

***8th May*** *-For the 2nd consecutive year the Council organised an event for the whole family with the participation of the disciplined and emergency corps, in*



*Gozo, the Gozo Community Policing Team, the LESA, the AFM, the Civil Protection, as well as different entities from the a Police Corps including the forensics unit, the horse and dog unit.*

**INAWGURAZZJONI TAL-PROĠETT TAL-ASTRONOMIJA**

**31 ta' Mejju** - Il-Kunsill Lokali l-Għarb permezz ta' fondi mill-Gozo Action Group taħt il-Programm Measure 3 tal-GAGF Leader Programme - "Gozo Attractions and Innovative Events for all Seasons" b'kollaborazzjoni mall-partners fil-proġett l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni u l-Gozo Village Holidays temm ix-xogħolijiet fuq l-Astronomy Park li jinsab fi Triq Tumas Cassar fiż-żona ta' rikreazzjoni. Dan il-park qed ikun kumplimentari ma' din iż-żona fejn diġa hemm eżistenti l-grawnd tal-futbol u l-playing field. Dan il-proġett ġie inawgurat waqt serata mill-isbaħ għal kulħadd.



***31st May*** *- L-Għarb Local Council through funds from the Gozo Action Group under the Program Measure 3 under the GAGF Leader Program - "Gozo Attractions and Innovative Events for all Seasons" in collaboration with the partners of the project - Għaqda Mużikali Viżitazzjoni and the Gozo Village Holidays finished the works on the Astronomy Park which is located in Triq Tumas Cassar in the recreation area. This Park has been implemented in this area where the football field and the playing field are located. This Park was inaugurated during a soiree for all.*

**18 ta' Ġunju** - Ġie inawgurat l-arblu li twaqqaf fi Triq l-Għarb bil-parteċipazzjoni tal-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni.

***18th June** – A Flag pole which was installed in Gharb road was inaugurated with the participation of Ghaqda Mużikali Viżitazzjoni band.*

**2 ta' Lujlu** – Għall-okkażjoni ta' Jum il-festa tar-raħal ittellgħet il-wieħed u għoxrin edizzjoni ta' l-injforata bi fjuri friski fuq iz-zuntier tal-knisja. Id-disinn tal-Injforata sar minn Michael Bajada u t-temi għal din is-sena kienu t-tifkira ta' l-ordinazzjoni ta' Father Matthew Bajada kif ukoll disinn ta' l-erba' Evanġelisti. Bħas-snin l-imgħoddija numru sabiħ ta' voluntiera nġabru fuq iz-zuntier tal-knisja sabiex jinbeda x-xogħol fuq l-infiorata fejn kienet lesta biex filgħaxija l-purċissjoni bl-istatwa titulari għaddiet minn fuq dan it-tapit ta' fjuri friski. Il-Kunsill Lokali l-Għarb jixtieq jirringrazzja lill-artist Michael Bajada li b'dedikazzjoni pprepara u kkordina biex setgħet issir din l-infiorata kif ukoll lill-voluntiera kollha li dejjem ikunu lesti jagħtu daqqa t'id.

***2nd July** – The twenty first edition of the infiorata flower carpet was held on the church parvis for the occasion of the village feast. The design of the Infiorata was created by Michael Bajada and the themes for this year were the ordination of Father Matthew Bajada and also a design of the four Evangelists. As in previous years numerous volunteers gathered together on the Church parvis to start working on this Infiorata so that later on in the evening the procession with the titular statue passed over this carpet made of fresh flowers. L-Gharb Local Council would like to thank the local artist Michael Bajada for preparing and coordinating with such dedication and all those volunteers who are always present to give a helping hand.*

### ATTIVITA' GOZO REGIONAL ASTRONOMY PARK GHARB

**16th August** - Il-Gozo Regional Astronomy Park Gharb iċċelebra Avveniment Astronomiku ta' suċċess b'Iktar minn 60 Parteċipant entużjasti. Il-Gozo Regional Astronomy Park Għarb bi pjaċir jħabbar li l-avveniment kien ta' suċċess. L-avveniment, li sar fis-16 ta' Awwissu, wera l-għeġubijiet tas-sema bil-lejl u pprovda opportunità unika lill-parteċipanti biex jesploraw il-qasam affaxxinanti tal-astronomija. B'aktar minn 60 individwu passjonat u dedikat li ppparteċipaw, l-avveniment wera li kien ġabar nies eċċellenti u dilettanti tal-astronomija li jaħsbuha l-istess. Dawk li attendew ġew ittrattati b'esperjenza unika u setgħu jiskopru s-sbuħija u l-misteri tal-univers permezz ta' varjetà ta' attivitajiet u preżentazzjonijiet impenjattivi. L-avveniment beda b'sessjoni informattiva mogħtija mis-Sur Klaus Conrad li qasam għarfien attraenti fid-dinja ċelestjali u l-għeġubijiet tagħha. Il-parteċipanti kienu mħeġġa hekk kif tgħallmu dwar l-aħħar skoperti u proġetti ta' riċerka li għaddejjin bħalissa fil-qasam tal-astronomija. Waħda mill-punti ewlenin tal-avveniment kienet is-sezzjoni tal-ħarsa tal-istilel, fejn dawk li attendew kellhom l-opportunità josservaw oġġetti ċelestjali bl-użu ta' teleskopji mill-aktar avvanzati pprovduti mill-Astronomy Park.



### *GOZO REGIONAL ASTRONOMY PARK EVENT*

**16th August** - *Gozo Regional Astronomy Park Gharb celebrated a successful Astronomy Event with over 60 enthusiastic participants. The Gozo Regional Astronomy Park Gharb is thrilled to announce the resounding success of its recent astronomy event, which captivated both enthusiasts and curious individuals alike. The event showcased the wonders of the night sky and provided a unique opportunity for participants to explore the fascinating realm of astronomy. With over 60 passionate and dedicated individuals participating, the event proved to be an outstanding gathering of like-minded astronomy enthusiasts. Attendees were treated to a mesmerizing experience, discovering the beauty and mysteries of the universe through a variety of engaging activities and presentations. The event commenced with an informative session delivered by Mr Klaus Conrad who shared captivating insights into the celestial world and its wonders. Participants were enthralled as they learned about the latest discoveries, breakthroughs and ongoing research projects in the field of astronomy. One of the highlights of the event was the stargazing session, where attendees had the opportunity to observe celestial objects using state-of-the-art telescopes provided by the Astronomy Park.*

### ĊELEBRAZZJONI JUM L-GĦARB 2023

**3 ta' Settembru** - Il-Kunsill Lokali l-Għarb iċċelebra Jum l-Għarb. Il-Program beda b'quddiesa ta' radd il-ħajr ġewwa l-knisja kolleġġjata u Bażilika tal-Għarb fl-10.00am segwita b'attivita fil-Pjazza. Is-serata ngħatat bidu bi tpoġġija ta' kuruni quddiem il-monument ta' l-Isqof Ġilormu Mikiel Molina mis-Sindku, Kunsilliera u għaqdiet lokali waqt id-daqq tal-Innu lill-Għarb. Wara segwa l-programm b'Kantata bl-isem 'Tifkiriet mill-Imgħoddi' miktuba minn Mario Borg u mużika mill-Mro Antoine Mercieca. Bħal kull sena ngħataw il-premijiet fosthom Premju Għarb li ġie mogħti lil Profs Nigel Bax, Premju Qlub Ġenerużi lil Joseph Vella, Premju Volontarjat Lokali lil Bernardette Vella, Premju Għarb Gozitan Cultural Award lil Joe Camilleri, Personal Achievement Award lil Charmaine Micallef, Premju Artiġjanat Lokali









lil Katrin Formosa u għal l-ewwel darba ingħata premju Atleti Għarb lil Godwin Micallef, Daniel Spiteri u Stefan Azzopardi. Waqt l-attivita' sar diskors mis-Sindku David Apap. L-attivita' intemmet bi qsim ta' kejk u ikla għar-residenti tal-Għarb.

***GĦARB DAY 2023 CELEBRATIONS***

***3rd September -*** *L-Għarb Local Council celebrated Għarb Day. The program started with a thanksgiving mass at Għarb Collegiate and Basilica Church at 10am followed by an event in the square. The activity started with the laying of wreaths infront of the monument Isqof Gilormu Mikiel Molina during the playing of Għarb anthem. The program also included a Kantata named 'Tifkiriet mill-Imgħoddi' written by Mario Borg and music of Mro Antoine Mercieca. Awards were also presented Għarb Award presented to Prof Nigel Bax, 'Premju Qlub Generuzi' award to Joseph Vella, 'Premju Volontarjat Lokali' award to Bernardette Vella, Għarb Gozitan Cultural Award to Joe Camilleri, Personal Achievement Award to Charmaine Micallef, 'Premju Artiġjanat Lokali' to Katrin Formosa and 'Premju Atlelti Għarb' that was given for the first time to Godwin Micallef, Daniel Spiteri and Stefan Azzopardi. During the evening the Mayor delivered his speech. The acitivity closed with a lunch for the residents of Għarb.*

**CLEAN UP ACTIVITY**

**16 ta' Settembru -** Il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza 'Clean up' fil-madwar ta Triq Sdieri fejn l-adoloxxenti tar-raħal mgħeddu idejhom sabiex sar tindif għal-ambjent aħjar. Din il-'Clean up' saret bħala parti mill-proġett AMPPA fejn waqt l-attivita saret spjegazzjoni tal-proġett li huwa dwar kif għanda issir il-protezzjoni tal-ispeċi tal-baħar.

***16th September –*** *L-Għarb Local Council organized a Clean up event in the area of Sdieri Street. A group of teenagers from our village helped in the clean up for a*



*better environment. This clean up was organized part from AMPPA project, all those who where present for the event had an explanation of this project that is about how we can protect sea species.*

**TQASSIM TA' MUTURI ELETTRIĊI**

**26 ta' Settembru -**Il-Kunsill Lokali tal-Għarb qassam '*electric scooters*' lill-grupp ta' adoloxxenti mil-lokalità. L-iskuters huma faċli biex issuqhom u se jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja. Aktar inizjattivi favur ambjent aħjar u arja aktar nadifa. Ir-residenti tal-Għarb jibqgħu l-ogħla prijorità tagħna.



***DISTRIBUTION OF E-SCOOTERS***

***26th September –*** *L-Għarb Local Council distributed electric scooters to a group of teenagers from the locality. The scooters are easy to ride and will help reduce*

*air emissions. More initiatives in favour of a better environment and cleaner air. Għarb residents remain our highest priority.*

**KITE & WIND FESTIVAL 2023**

**14 u 15 ta' Ottubru** - Il-Kunsill Lokali tal-Għarb bl-għajnuna finanzjarja tal-Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat tal-Wirt Kulturali organizza s-sitt edizzjoni tal-Kite & Wind Festival fil-limiti ta' San Dimitri l-Għarb. Bħas-snin l-imgħoddija dan sar bil-parteċipazzjoni ta' 40 professjonist minn madwar id-dinja li jtajjru t-tajr u joffru spettaklu uniku. Eluf ta' nies li attendew u setgħu igawdu atmosfera ta' tajr ta' kull lewn u tip li saħħru s-sema u l-ambjent tal-madwar. Għal sena oħra kien festival ta' suċċess fejn sar wieħed mill-ikbar avvenimenti t'Għawdex li l-pubbliku jkun qed jistenna minn sena għal oħra. Il-Kunsill flimkien mas-Sindku jirringrazzja lil kull min ta' sehem biex dan il-festival jikber u kif ukoll inżommu ħajja l-kultura tat-tajr li joħloq xenarju mill-isbaħ.




***$14^{th}$ – $15^{th}$ October** - L-Għarb Local Council together with the financial aid of the Ministry for Gozo and the Cultural Heritage Directorate organized the sixth edition of the Kite & Wind Festival in the area of San Dimitri Għarb. Like in previous years this was held with the participation of 40 professional kite flyers from all over the world who offered a unique show. Thousands of people who attended could enjoy an atmosphere of kites of every color and type that brightened the sky and the surroundings. For another year it was a successful festival where it became one of the biggest events in Gozo that people have been waiting for year after year. The Council together with the Mayor would like to thank everyone who contributed to the growth of this festival and keeping alive the kite culture that creates the most beautiful scenery.*

**1 ta' Novembru** – Il-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Parroċċa tal-Għarb organizza attivita' tal- Qaddisin kollha lit-tfal tal-parroċċa fejn kienu mħeġġa jilbsu ta' qaddisin. Il-Kunsill qassam ktieb tat-tpinġija kif ukoll kuluri. Din kienet il-ħames edizzjoni.

***$1^{st}$ November** – The Local Council with the collaboration of Għarb Parish organised an All Saints activity where a mass was celebrated and the children were encourged to wear as a saint. L-Għarb Local Council distributed a coulouring book and colours to all the children present. This was the $5^{th}$ edition.*

**17 ta' Novembru** – Il-Kunsill Lokali l-Għarb bl-għajnuna finanzjarja tad-Direttorat tal-Wirt Kulturali ta' Għawdex u tal-Ministeru għal Għawdex organizza Opera 'Gran Gala dell Opera', Opera b'siltit minn opri famużi. Għal din l-okkazzjoni kantaw tliet kantanti Taljani ta' fama internazzjonali. Din saret fis-Sala taċ-Ċentru Parrokjali fejn kull min attenda setgħa jgawdi minn atmosfera operistika mill-aqwa.

***$17^{th}$ November** – L-Għarb Local Council with the financial assistance of the Directorate of Cultural Heritage of Gozo and the Ministry for Gozo organized an Opera 'Gran Gala dell Opera', an Opera with songs from famous operas. Three Italian singers of international fame sang for this occasion. It was held in the Hall of the Parish Center where everyone who attended could enjoy a superb operatic atmosphere.*

**GOZO HERB FESTIVAL**

**26 ta' Novembru 2023 -** Il-Gozo Herb Festival huwa avveniment annwali li jiċċelebra d-dinja rikka u diversa tal-ħxejjex aromatiċi. Li sar fl-Għarb fil-gżira Għawdxija, parti mill-arċipelagu Malti, dan il-festival jgħaqqad flimkien produtturi tal-ħxejjex, dilettanti, u esperti mill-Italja biex juru l-prodotti tagħhom, jaqsmu l-għarfien tagħhom, u jippromwovu l-użu tal-ħxejjex għas-saħħa, il-benessri, u skopijiet kulinari. Il-viżitaturi setgħu jaraw varjetà wiesgħa ta' ħxejjex aromatiċi, ħwawar, u pjanti, inklużi speċi rari u eżotiċi, u jitgħallmu dwar il-proprjetajiet, il-benefiċċji u l-użi tagħhom mill-esperti. Il-festival inkluda wkoll workshops, taħditiet, wirjiet, u tidwiq, fejn il-viżitaturi setgħu jitgħallmu kif ikabbru, isajru, u jużaw il-ħxejjex aromatiċi fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. L-atmosfera ta' ħbiberija u l-programm għani ta' avvenimenti, il-Gozo Herb Festival kien żjara obbligata għal kull min għandu interess fil-ħxejjex aromatiċi, in-natura u l-kultura.



***$26^{th}$ November 2023** - The Gozo Herb Festival is an annual event that celebrates the rich and diverse world of herbs. Held in the beautiful Gharb in the island of Gozo, part of the Maltese archipelago, this festival brings*

*together herb growers, enthusiasts, and experts from Italy to showcase their products, share their knowledge, and promote the use of herbs for health, wellness and culinary purposes. Visitors saw a wide variety of herbs, spices, and plants, including rare and exotic species, and learnt about their properties, benefits, and uses from the experts. The festival also features workshops, talks, demonstrations, and tastings, where visitors had the opportunity to learn how to grow, cook, and use herbs in their daily lives. With its stunning location, friendly atmosphere, and rich program of events, the Gozo Herb Festival was a must-visit for anyone with an interest in herbs, nature, and culture.*

**3 ta' Diċembru 2023** – Il-Kunsill Lokali L-Għarb organizza 1K, 2K, 5K Run. Kienu bosta li ħadu sehem f'kull kategorija u fl-aħħar kull parteċipant ingħata medalja u trofew għar-rebbieħa.



***3rd December 2023 –** L-Għarb Local Council organised 1K, 2K and 5K Run. Participants from every category participated and after, everyone was given a medal and a trophy for the winners.*

**11-30 ta' Dicembru 2023 –** Il-Kunsill Lokali l-Għarb bħal kull sena organizza attivitajiet tal-Milied ġewwa l-Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Il-Pjazza nbidlet f'atmosfera unika tal-Milied. Għat-tielet sena konsekuttiva kellna ukoll Ice Skating Rink. Kellna 19 il-ġurnata ta' ativitajiet u attrazzjonijiet kuljum fil-pjazza bħal rokna ta' Santa Klaws, krafts u bouncing castle. Għall-ewwel darba fi gżirietna stajna nesperjanzaw ukoll kor ikanta fuq armatura forma ta' siġra tal-Milied fejn dawn bil-kant tagħhom saħħru u taw gost lil kull min kien preżenti. Ma naqasx ukoll live music minn bands lokali kif ukoll 80's and 90s night fejn wieħed setgħa igawdi minn divertiment ta' kull tip u għal kull eta f'dawn iż-żminijiet ta' festi. Dawn l-attvitajiet saru b'kollaborazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, tal-Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat tal-Wirt Kulturali.



**11th -30th December** - L-Għarb Local Council, like every year, organized Christmas activities in Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. The Square has turned into a unique Christmas atmosphere. For the third consecutive year we also had an Ice Skating Rink. We had 19 days of activities and attractions every day in the square such as Santa Claus corner, crafts, bouncing castle. For the first time in our islands we were also able to experience a choir singing on a structure shaped like the Christmas tree where they enchanted and entertained everyone who was present with their singing. There was also live music from local bands as well as an 80's and 90s night where one could enjoy entertainment of all kind and for all ages in these festive times. These activities were carried out in collaboration with the Ministry for Gozo, Directorate of Cultural Heritage and Department of Local Government.

***Is-Sindku David Apap Agius, Viċi Sindku, Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u staff jixtiequ s-Sena t-Tajba lil kulħadd***

***The Mayor David Apap Agius, Deputy Mayor, Councillors, Executive Secretary and staff would like to wish everyone a happy New Year***

## Statement of comprehensive income for year ended 31 December 2022

| INCOME | € |
|---|---|
| Funds received from central government | 425,902.00 |
| Income from Local Enforcement System | 1,849.00 |
| General Income | 602,529.00 |
| | **1,030,280.00** |
| **EXPENDITURE** | |
| Personal emoluments | 213,846.00 |
| Operations and maintenance | 153,901.00 |
| Administration and other expenditure | 586,940.00 |
| | **954,687.00** |
| Operating profit for the year | 75,593.00 |
| Finance Income income | 493.00 |
| Finance costs | -4,962 |
| **Total Comprehensive Income for the year/period** | **71,123.00** |

## OPERATIONS AND MAINTENANCE

| | |
|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | |
| Road and Street Pavements | 926.00 |
| Repairs and upkeep | 37,508.00 |
| Street Signs | 354.00 |
| Office furniture and equipment | |
| Total | **38,788.00** |
| **Contractual Services:** | |
| Refuse Collection | 30,385.00 |
| Bulky Refuse Collection | 2,397.00 |
| Open skips | 661.00 |
| Road and Street Cleaning | 5,454.00 |
| Cleaning and maintenance of Public Conveniences | 3,676.00 |
| Cleaning of parks and gardens | 0.00 |
| Other contractual services | 5,811.00 |
| Childcare centre costs | 66,729.00 |
| Street Lighting | 0.00 |
| | **115,113.00** |
| **Total Operations and Maintenance Expenses** | **153,901.00** |
| **ADMINISTRATION AND OTHER EXPENDITURE 2022** | |
| Utilities | 20,928.00 |
| Materials and supplies | 26,050.00 |
| Rent | 16,105.00 |
| National and International | 900.00 |
| Office Services | 54,883.00 |
| Transport | 16,311.00 |
| Overseas travel | 14,028.00 |
| Information Services | 3,100.00 |
| Insurance | 9,909.00 |
| Professional Services | 43,766.00 |
| Training and courses | 0.00 |
| Community and Hospitatlity | 309,038.00 |
| Depreciation expense | 59,501.00 |
| Amotisation charge | 375.00 |
| Provision for bad debts | 1,025.00 |
| Lease of equipment | 6,380.00 |
| LES expenses | 4,541.00 |
| Write Off | 0.00 |
| Donations and sundry expenses | 100.00 |
| Fines | 0.00 |
| | **586,940.00** |


BOV
Bank of Valletta
SER TIXTRI DAR?
APPLIKA ONLINE
02
Tella' d-dokumenti
03
Applika
01
Ġib stima
04
Sid ta' darek
KELLIMNA
bov.com/homeloans | @bovofficial
Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-Bank of Valletta. It-terminu tas-self ma jistax jaqbeż l-età tal-irtirar. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija regolata mill-MFSA u liċenzjata biex toffri l-Kummerċ Bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).

# FRENDO AUTOMOTIVE

Garage 5. Wied Sara Street. Ghasri GSR 2962 Gozo-Malta

Authorize Repairs, Services & Parts for:

Tel: (+356) 2155 0087
Mob: (+356) 9943 6667
Email: info@frendoauto.com